# QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)
# ĠURISDIZZJONI SUPERJURI
# SEZZJONI ĠENERALI

**MAĠISTRAT DOTTOR BRIGITTE SULTANA**
**LL.D., LL.M (ĊARDIFF) ADV. TRIB. ECCL. MELIT.**

**Illum, il-Ġimgħa, 16 ta' Diċembru 2022**

**Rikors Ġuramentat numru: 145/2006 BS**

**Giuseppe Mizzi, u b'digriet tal-10 ta' Settembru 2009, il-ġudizzju ġie trasfuż f'isem Michael Mizzi, Sina Mizzi u Jacob Mizzi stante l-mewt ta' Giuseppe Mizzi fil-mori tal-kawża, u b'digriet tal-11 ta' Ottubru 2016, il-ġudizzju ġie trasfuż f'isem Annunziata sive Nancy Mizzi, Sina Mizzi u Jacob Mizzi stante l-mewt ta' Michael Mizzi fil-mori tal-kawża**

**-vs-**

**Martin Debrincat, u b'digriet tal-14 ta' Marzu 2007**
**ġiet kjamata fil-kawża**
**Doris Debrincat, mart Martin Debrincat**

**Il-Qorti;**

**A. Preliminari:**

**Rat ir-rikors ġuramentat tal-attur Giuseppe Mizzi**[1] **li ppremetta:**

ILLI fit-30 ta' Diċembru 2005, l-esponenti kien daħal f'konvenju ma' ċertu Joseph u Vanessa Portelli u SB Auto Center Limited fejn obbliga ruħhu li jbiegħ [sic] u jittrasferixxi lill-proposti xerrejja, l-art 'Ta' Nawrata', limiti tal-Għarb, Għawdex **"DOK A"**;

ILLI meta n-Nutar Dottor Enzo Dimech għamel ir-riċerki dwar il-passività u trasferiment fuq inkarigu tal-proposti xerrejja rriżulta li fit-30 ta' April 2005 atti Dottor Pierre Falzon kien sar trasferiment tal-propjetà fuq imsemmija flimkien ma' proprjetà oħra appartenenti lill-attur;

ILLI l-esponenti kien ferm sorpriż b'dan għaliex huwa ċert li qatt ma biegħ jew trasferixxa lill-konvenut jew lill-xi ħaddieħor il-proprjetà msemmija f'dak il-kuntratt u għalhekk dak il-kuntratt huwa simulat, falz u frawdolenti fil-konfront tal-esponenti, għaliex:-

a. l-esponenti huwa ċert li qatt ma deher quddiem in-Nutar Pierre Falzon biex jagħmel xi att ta' trasferiment skont [sic] ma hemm iddikjarat fl-istess att;

b. qatt ma rċieva l-flus li hemm iddikjarati fl-istess att;

c. tenut kont tal-valur tal-proprjetà hemm imsemmija l-istess att ta' trasferiment huwa simulat għal dak li jirrigwarda valur;

[1] Fol. 1 sa 3.

ILLI li kieku verament sar dak it-trasferiment l-esponenti qatt ma kien ser jidħol fi promessa ta' bejgħ kif għamel bil-konvenju tat-30 ta' Diċembru 2005.

**Talab għalhekk lil din il-Qorti:**

1. Tiddikjara l-att ta' bejgħ li sar fl-atti tan-Nutar Dottor Pierre Falzon tat-30 ta' April 2005, insinwat fit-13 ta' Lulju 2005 (Insinwa numru 13713/05) bħala null u ineżisteni u għalhekk mingħajr ebda effett fil-Liġi billi in effetti l-esponenti qatt ma resaq għal dak il-kuntratt, u għalhekk dak l-istess att huwa nieqes mill-elementi essenzjali ta' kull kuntratt u ċioè l-kunsens u l-kawża;

2. Tordna r-revoka u r-rexissjoni tal-istess kuntratt;

3. Tagħti dawk il-provvedimenti kollha xierqa u opportuni skont [sic] il-każ sabiex it-tħassir tal-istess kuntratt ikollu effett anke fil-konfront ta' terzi.

Bl-ispejjeż u bl-inġunzjoni tal-konvenut għas-subizzjoni.

**Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut Martin Debrincat**[2] **illi eċċepixxa:**

1. ILLI fl-ewwel lok, l-esponenti jissolleva in-nuqqass ta' integrità tal-ġudizzju stante illi l-akkwirent fuq il-kuntratt fl-atti tan-Nutar Pierre Falzon tat-30 ta' April 2005 ma kienx l-esponenti waħdu;

2. ILLI mingħajr preġudizzju għall-premess, ir-rikors promotur tant huwa afflitt b'konfużjoni, premessi u talbiet kontradittorji u inintelliġibbli illi l-esponenti jħoss illi huwa

[2] Fol. 16 sa 17

f'loku illi huwa jissolleva l-eċċezzjoni tan-nullità. B'mod speċjali, l-attur qiegħed fl-istess kawża jitlob ir-rexissjoni tal-kuntratt *de quo* sew għaliex allegatament il-kunsens tiegħu kien ivvizzjat minħabba żball u frodi, u kif ukoll għaliex dan l-att kien simulat u ineżistenti. Teżisti ġurisprudenza kostanti illi talba għar-rexissjoni bażata fuq dawn iż-żewġ premessi hija inkompatibbli u kwindi nulla;

3. ILLI mingħajr preġudizzju għall-premess anke jekk, għall-grazzja tal-argument biss, *datum sed non concessum* l-allegazzjonijiet fattwali tal-attur jirriżultaw korretti, minn daqshekk biss ma ssegwix in-nullità jew annullabilità tal-kuntratt ta' trasferiment. Dan għaliex it-tlett [sic], biex insejħulhom hekk, kawżali dedotti mir-rikorrenti f'paragrafi (a), (b) u (c) tar-rikors ġuramenat la flimkien u lanqas individwalment ma jammontawx għal raġuni illi fis-sistema ġuridiku ta' pajjiżna tista' tattakka l-validità ta' kuntratt notarili; mentri il-fatt illi fit-30 ta' Diċembru 2005, l-attur għoġbu jmur jiffirma konvenju fuq wieħed mill-fondi mibjugħa lill-esponenti huwa ħaġa totalment irrelevanti għall-validità o meno tat-trasferiment preċedentement eżegwit minnu;

4. ILLI dejjem mingħajr preġudizzju għall-premess, imbagħad, l-allegazzjonijiet fattwali tal-attur huma totalment infondati fil-fatt għaliex bħala fatt il-kuntratt *de quo* ġie pubblikat wara li ġew segwiti u imwettqa [sic] l-formalitajiet kollha illi trid il-liġi, u versu l-kunsens speċifiku u posittiv tar-rikorrenti nnifsu;

5. SALVI eċċezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

**Rat ir-risposta ġuramentata tal-kjamata fil-kawża Doris Debrincat[3] illi eċċepiet:**

1. ILLI fl-ewwel lok, ir-rikors promotur tant huwa afflitt b'konfużjoni, premessi u talbiet kontradittorji u inintelliġibbli illi l-esponenti tħoss illi huwa f'loku illi hija tissolleva l-eċċezzjoni tan-nullità. B'mod speċjali, l-attur qiegħed fl-istess kawża jitlob ir-rexissjoni tal-kuntratt *de quo* sew għaliex allegatament il-kunsens tiegħu kien ivvizzjat minħabba żball u frodi, u kif ukoll għaliex dan l-att kien simulat u ineżistenti. Teżisti ġurisprudenza kostanti illi talba għar-rexissjoni bażata fuq dawn iż-żewġ premessi hija inkompatibbli u kwindi nulla;

2. ILLI mingħajr preġudizzju għall-premess anke jekk, għall-grazzja tal-argument biss, *datum sed non concessum* l-allegazzjonijiet fattwali tal-attur jirriżultaw korretti, minn daqshekk biss ma ssegwix in-nullità jew annullabilità tal-kuntratt ta' trasferiment. Dan għaliex it-tlett [sic], biex insejħulhom hekk, kawżali dedotti mir-rikorrenti f'paragrafi (a), (b) u (c) tar-rikors ġuramentat la flimkien u lanqas individwalment ma jammontawx għal raġuni illi fis-sistema ġuridiku ta' pajjiżna tista' tattakka l-validità ta' kuntratt notarili; mentri l-fatt illi fit-30 ta' Diċembru 2005, l-attur għoġbu jmur jiffirma konvenju fuq wieħed mill-fondi mibjugħa lill-esponenti huwa ħaġa totalment irrelevanti għall-validità o meno tat-trasferiment preċedentement eżegwit minnu;

3. ILLI dejjem mingħajr preġudizzju għall-premess, imbagħad, l-allegazzjonijiet fattwali tal-attur huma

[3] Fol 21 sa 22.

totalment infondati fil-fatt għaliex bħala fatt il-kuntratt *de quo* ġie pubblikat wara li ġew segwiti u mwettqa l-formalitajiet kollha illi trid il-liġi, u versu l-kunsens speċifiku u posittiv tar-rikorrenti nnifsu;

4. Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

**Rat ir-risposta ġuramentata ulterjuri tal-konvenut Martin Debrincat u martu, il-kjamata fil-kawża Doris Debrincat[4] illi eċċepew:**

ILLI r-rikorrenti Michael Mizzi, Sina Mizzi u Jacob Mizzi, li fuq isimhom ġew trasfużi l-atti ta' din il-kawża bid-digriet ta' l-għaxra (10) [sic] ta' Settembru 2009 in segwitu għall-mewt tar-rikorrent oriġinali ma għandhomx interess guridiku sabiex ikomplu din il-kawża. Dan għar-raġuni li fl-għaxra (10) ta' Ġunju 2009, Giuseppe Mizzi irredi[e]ġa [sic] affidavit fil-presenza [sic] tan-Nutar Silvio Hili — u dan wara li nħareġ ċertifikat mit-Tabib Michael Refalo li l-istess Giuseppe Mizzi kien fi stat mentali tajjeb — fejn l-istess rikorrenti iddikjara [sic] li huwa kien konxju tal-kuntratt tat-tletin (30) ta' April 2005 mertu ta' din il-kawża li permezz tiegħu huwa effettivament biegħ numru ta' proprjetajiet lill-esponenti konjuġi Debrincat. Huwa kompla jgħid li huwa ri[e]d iwaqqaf il-kawża fejn fiha qiegħed jitlob li l-kuntratt jiġi dikjarat null u ineżistenti billi huwa allegatament qatt ma' resaq [sic] għal dan il-kuntratt.

**Fliet l-atti;**

[4] Fol. 252 sa 253.

**Rat** l-att ta' kompravendità kkontestat, datat it-30 ta' April, 2005 u insinwat fit-13 ta' Lulju, 2005 bin-numru 13713/05, in atti Nutar Pierre Falzon;[5]

**Rat** li fid-dawl tal-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut Martin Debrincat, fl-udjenza tal-14 ta' Marzu, 2007 il-Qorti laqgħet talba tal-attur għall-kjamat in kawża ta' mart il-konvenut, ossia, ta' Doris Debrincat;[6]

**Rat** in-nota tal-konvenut Martin Debrincat tas-6 ta' Novembru, 2007 b'annessa ittra legali datata l-5 ta' April, 2005 mibgħuta lill-Ispettur tal-Ghassa tar-Rabat, Għawdex, għan-nom tal-attur Giuseppe Mizzi;[7]

**Rat** li fl-udjenza tal-25 ta' Frar, 2009 fuq talba tal-attur Giuseppe Mizzi ġie maħtur l-espert kalligrafu Joseph Gaffiero sabiex jirrelata dwar il-firma allegatament tal-attur Giuseppe Mizzi fuq l-att ta' kompravendità tat-30 ta' April, 2005 in atti Nutar Pierre Falzon u dokumenti relattivi oħrajn preżenti fil-proċess;[8]

**Rat** li l-attur Giuseppe Mizzi miet *pendenti lite* nhar l-10 ta' Lulju, 2009 u wirtuh Michael Mizzi flimkien ma' wliedu Sina Mizzi u Jacob Mizzi li talbu li l-atti jiġu trasfuzi f'isimhom;[9]

**Rat** li fin-nuqqas ta' oppożizzjoni l-atti ġew hekk trasfużi b'digriet ta' nhar l-10 ta' Settembru, 2009;[10]

---

[5] A fol. 8 sa 13.
[6] Verbal a fol. 18.
[7] Nota a fol. 61 u ittra legali a fol. 62. Fl-ittra l-Ispettur huwa informat li Michael Mizzi li għandu d-dar ta' residenza tiegħu appoġġ ma' tal-mittenti (l-attur Giuseppe Mizzi) installa numru ta' *cameras* fir-residenza tal-attur, bl-Ispettur mitlub jordna t-tneħħija tal-istess.
[8] Verbal a fol. 186.
[9] Ref. rikors ta' Michael, Sina u Jacob Mizzi a fol 189, dokumenti relattivi għall-mewt tal-attur Giuseppe Mizzi a fol. 191 u 192, testment ta' Giuseppe Mizzi a fol. 193.
[10] Digriet a fol. 195.

**Rat** ir-rikors tal-konvenut Martin Debrincat u l-kjamata fil-kawża martu Doris Debrincat tad-29 ta' Ottubru, 2009 b'anness affidavit rilaxxat mill-attur Giuseppe Mizzi xahar qabel mewtu u b'talba għall-introduzzjoni ta' eċċezzjonijiet addizzjonali;[11]

**Rat** ir-risposta tal-eredi tal-attur Giuseppe Mizzi bħala atturi li f'isimhom ġew trasfużi l-atti għal dan ir-rikors;[12]

**Rat** it-traskrizzjoni tat-trattazzjoni tal-Avukati patroċinanti l-partijiet rigward l-istess;[13]

**Rat** ir-rikors addizzjonali b'nota ta' riferenzi magħmula mill-konvenut Martin Debrincat u l-kjamata fil-kawża martu Doris Debrincat rigward l-awtorizzazzjoni għat-tressiq ta' eċċezzjonijiet ulterjuri;[14]

**Rat** ir-risposta ta' Michael, Sina u Jacob Mizzi għal dan ir-rikors addizzjonali[15] b'konsegwenti nota ta' riferenzi tagħhom;[16]

**Rat** id-digriet tat-22 ta' April, 2010 li bih din il-Qorti kif diversament presjeduta laqgħet it-talba tal-konvenut Martin Debrincat u l-kjamata fil-kawża martu Doris Debrincat b'dan li awtorizzat lill-istess sabiex jippreżentaw eċċezzjoni ulterjuri fis-sens minnhom propost b'dan li l-atturi jkollhom l-opportunità jressqu provi tagħhom dwar din l-eċċezzjoni wkoll;[17]

**Rat** l-affidavit rilaxxat mill-attur Giuseppe Mizzi fl-10 ta' Ġunju, 2009, kif maħluf quddiem in-Nutar Silvio Hili b'anness miegħu

[11] Rikors a fol. 197
[12] Risposta a fol. 201
[13] Traskrizzjoni a fol. 203 sa 205 ripetuta a fol. 206 sa 208. Tkompli tat-traskrizzjoni a fol. 209 sa 213.
[14] Rikors a fol. 216, nota b'dokumenti a fol. 217 sa 237.
[15] Risposta a fol. 239.
[16] Nota a fol. 242 sa 246.
[17] Digriet a fol. 247 sa 248, ripetut a fol. 249 sa 250.

ċertifikat ta' sanità mentali maħruġ mit-Tabib Michael J. Refalo M.D;[18]

**Rat** ir-risposta ġuramentata ulterjuri tal-konvenuti konjuġi Debrincat;[19]

**Rat** li fl-udjenza tas-17 ta' Ġunju, 2010 il-kawża tħalliet għas-sentenza preliminari fuq l-eċċezzjoni ulterjuri tan-nuqqass ta' interess ġuridiku bil-fakoltà li jsiru n-noti tal-osservazzjonijiet;[20]

**Rat** li b'rikors tad-9 ta' Novembru, 2010[21] l-atturi talbu lill dina l-Qorti kif diversament presjeduta tissospendi l-prolazzjoni tas-sentenza in parte rigward l-eċċezzjoni ulterjuri tan-nuqqass ta' interess ġuridiku u dan pendenti l-eżitu ta' rikors ġuramentat ulterjuri intavolat mill-atturi fejn talbu lill-Qorti tiddeċiedi li l-affidavit tal-10 ta' Ġunju, 2009 rilaxxat mid-defunt Giuseppe Mizzi jiġi dikjarat inveritier [Rik. Ġur. Nru 94/2010];

**Rat** li fl-udjenza tat-2 ta' Diċembru, 2010 il-partijiet qablu li din l-istanza u dik numru 94/2010 relattiva għall-veraċità tal-affidavit tal-10 ta' Ġunju, 2009 rilaxxat mid-defunt Giuseppe Mizzi jimxu flimkien;[22]

**Rat** li fl-udjenza tal-15 ta' Diċembru, 2010 il-kawża thalliet għall-kontinwazzjoni;[23]

---

[18] Affidavit a fol. 199 u ċertifikat mediku a fol. 198.
[19] Fol. 252 sa 253.
[20] Verbal a fol. 275.
[21] Rikors a fol. 288 sa 289.
[22] Verbal a fol. 292.
[23] Verbal a fol. 294.

**Rat** li fl-udjenza tal-24 ta' Marzu, 2011 il-partijiet qablu li x-xhieda miġbura fil-kawża numru 94/2010 għandhom jgħoddu għal din il-kawża wkoll;[24]

**Rat** li fl-udjenza tal-11 ta' Ġunju, 2013 l-atturi ddikjaraw il-provi tagħhom magħluqa;[25]

**Rat** li l-attur Michael Mizzi miet *pendenti lite* bl-atti ta' din l-istanza ġew leġittimati u l-ġudizzju trasfuż f'isem uliedu Sina u Jacob Mizzi u l-armla tiegħu Annunziata sive Nancy Mizzi;[26]

**Rat** li l-kawża numru 94/2010 ġiet deċiża in prim'istanza fl-14 ta' Ottubru, 2014 u fl-appell fis-27 ta' Marzu, 2020;

**Rat** l-atti tal-proceduri relattivi għal dawn is-sentenzi;

**Rat** li fl-udjenza tat-8 ta' Ġunju, 2021 il-konvenuti ddikjaraw il-provi tagħhom magħluqa;[27]

**Rat** li fl-udjenza tal-24 ta' Mejju, 2022 il-partijiet iddikjaraw il-kontroeżamijiet eżawriti bil-kawża baqgħet għal-lum għas-sentenza bil-fakoltà li jsiru noti tal-osservazzjonijiet;[28]

**Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża**, inkluż id-dokumenti esibiti u verbali kif ukoll it-traskrizzjonijiet tax-xhieda kollha u affidavits;

**Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet;**

## B. Provi:

[24] Verbal a fol. 321.
[25] Verbal a fol. 345.
[26] Rikors għat-trasfuzjoni a fol. 363, dokument relatat (ċertifikat tal-mewt) a fol. 364, digriet mogħtia fl-udjenza tal-11 ta' Ottubru, 2016 skont il-verbal a fol. 366.
[27] Verbal a fol. 538.
[28] Verbal tal-24 ta' Mejju, 2022.

**Semgħet ix-xhieda bil-ġurament u rat dik magħmula bil-proċedura tal-affidavit, ta':**

**In-Nutar Enzo Dimech**, xehed[29] li lill-attur Giuseppe Mizzi, li għaraf fl-awla tal-Qorti, huwa jafu mhux biss bħala klijent iżda anke għaliex jgħix qrib tiegħu.

Jgħid li huwa ġie avviċinat minn *SB Auto Centre Ltd* u Joseph u Vanessa Portelli sabiex jabbozza konvenju fuq art magħrufa bħala Ta' Nawrata u sitwata fil-limiti tal-Għarb, Għawdex. Iżid li l-konvenju ġie ffirmat fit-30 ta' Diċembru, 2005. Jikkonferma li l-konvenju huwa l-istess wieħed li jidher bħala dokument A mar-rikors ġuramentat.[30] Jispjega li bil-konvenju l-bejgħ ta' din il-porzjon art kellu jsir mill-attur Mizzi lil *SB Auto Centre Ltd* u Joseph u Vanessa Portelli versu l-prezz ta' mitejn elf liri maltin (Lm 200,000).

Jgħid li meta kienet qed toqrob id-data ta' meta kellu jsir il-kuntratt finali huwa kellem lill-attur Mizzi dwar il-provenjenza sabiex jistabilixxi mnejn 'il quddiem kellu jordna r-riċerki. Jgħid li l-attur Mizzi kien ċar ħafna rigward il-provenjenza tant li dak li qallu ġie kkonfermat mar-riċerki. Iżid li appena kellu r-riċerki f'idejh huwa sab nota ta' trasferiment li kienet tinkludi l-bejgħ tal-porzjon art inkwistjoni (flimkien ma' xi proprjetajiet oħrajn) mill-attur Mizzi lill-konvenuti Debrincat.

Jgħid li huwa informa b'dan lill-partijiet bir-riżultat li l-konvenju ġie rexiss u d-depożitu tħallas lura mill-attur Mizzi lil *SB Auto Centre Ltd* u Joseph u Vanessa Portelli.

---

[29] Fol. 33 sa 37.
[30] A fol. 4 sa 6.

Iżid li l-attur Mizzi kien ċar dwar il-provenjenza tal-porzjon art mertu tal-konvenju u kien sorpriż u maħsud ħafna meta ġie informat dwar in-nota ta' trasferiment b'dan li ċaħad li huwa qatt ittraferixxa l-imsemmija porzjon art u wisq aktar li ffirma kuntratt ta' kompravendità.

Iżid li sussegwentament l-attur għamel affidavit għandu—jesibixxi l-affidavit tal-attur bħala dokument ED 1 bl-awtorizzazzjoni tal-attur[31].

Jispjega li f'dan l-affidavit l-attur Mizzi jiddikjara li l-konvenut Debrincat li deher bħala kumpratur fil-kuntratt fl-atti tan-Nutar Pierre Falzon tat-30 ta' April, 2005 kien jitolbu jqabbillu xi raba' iżda huwa kien jirriffjuta għax kien għadu f'saħħtu u kien kapaċi jaħdmu hu stess.

Jispjega li l-affidavit kien preparat bl-assistenza tal-Avukat Dr Alfred Grech iżda ma jiftakarx jekk l-istess Avukat kienx preżenti meta ttieħed l-affidavit.

**In kontroeżami**[32] jgħid li l-affidavit ma wasalx għandu lest u kemm ġie maħluf iżda kitbu hu. Iżid li meta l-attur kien imur għandu r-Rabat sabiex ikellmu dwar il-konvenju huwa kien normalment ikun akkumpanjat minn Michael Mizzi. Iżid iżda li f'almenu okkażjoni minnhom huwa ltaqa' mal-attur waħdu fl-Għarb stess u kien dakinhar li staqsih dwar il-provenjenza.

**Giuseppe sive Joseph Mizzi**, l-attur, xehed permezz ta' affidavit[33] esibit minn Nutar Enzo Dimech. Jiddikjara li huwa

[31] A fol. 39 et seq.
[32] Fol. 37 sa 38.
[33] Fol. 39 sa 41.

ilu jaf lill-konvenut Martin Debrincat inkluż peress li dan jixtri l-ġobon mingħandu sabiex ibigħ l-istess mill-ħanut tiegħu.

Iżid li l-konvenut Debrincat kien jitolbu jqabbillu xi raba' iżda huwa kien jirriffjuta għax kien għadu f'saħħtu u r-raba' kien jaħdmu hu. Jispjega li bil-mod il-mod il-konvenut Debrincat kien sar jaf ir-raba' tiegħu bl-iskuż li kien hemm xi Maltin imħajrin jikru għall-insib.

Jispjega li huwa kien jgħix waħdu u kien iżuru ġar tiegħu, ċertu Michael Mizzi.

Jiddikjara li fix-xitwa tal-2005 huwa beda jbati minn uġigħ f'irkoptu. Jgħid li l-konvenut Debrincat offra li jieħdu l-isptar u huwa aċċetta. Iżid li mat-triq induna li l-konvenut ma kienx sejjer lejn l-Isptar Ġenerali ta' Għawdex iżda minflok rikbu l-vapur u waslu Malta. Jgħid li l-konvenut Debrincat qallu li l-ispeċjalista ma setax ikun Għawdex dakinhar u għalhekk kellhom imorru Malta.

Jgħid li meta waslu Malta marru f'appartament f'Tas-Sliema fejn suppost kellu jinvistah l-ispeċjalista iżda dan ma ġiex. Iżid li għalhekk kemm hu kif ukoll il-konvenut Debrincat raqdu fl-appartament. Iżid li l-għada filgħodu ġie l-ispeċjalista u invistah fejn anke staqsih għandux bżonn xi ħadd minn jieħu ħsiebu. Jgħid li huwa rrisponda li għadu jiflaħ jagħmel kollox.

Jgħid li f'mument minnhom l-ispeċjalista ġibed lill-konvenut Debrincat f'kamra oħra fejn semgħu jgħidlu *"ma nistgħu nagħmlu xejn għax dan għadu aħjar minni."*

Jgħid li wara dan ġew lura Għawdex wara nofsinhar.

Iżid li sussegwentament il-konvenut Debrincat beda jmur jaħsillu siequ u dam jagħmel hekk għal madwar ħmistax(15)-il jum, kull filgħaxija. Jgħid li f'xi żmien huwa qal lill-konvenut Debrincat sabiex ma jmurx aktar għax kien kapaċi jaħsel siequ waħdu.

Iżid li minn żmien għal żmien il-konvenut Debrincat kien jistaqsih dwar l-irjieħ tar-raba' li kellu u ġieli talbu jurih fejn hu r-raba' bil-pretiza li kien hemm minn hu interessat jikri għall-insib. Iżid li xi sentejn qabel il-konvenut Debrincat laqqgħu ma' xi ħadd mill-Qala u huwa qabbillu wejba raba'.

Iżid li ftit taż-żmien wara li l-konvenut Debrincat ħadu Malta, il-ġar tiegħu Michael Mizzi nstalla sistema ta' *cameras* mal-post fejn joqgħod huwa (l-attur). Jgħid li huwa ma oġġezzjonax għal dan. Iżid li darba minnhom il-kovenut Debrincat qala' waħda minn dawn il-*cameras* b'Michael Mizzi u l-konvenut Debrincat kellhom xi jgħidu dwar dan.

Jiddikjara li fit-30 ta' Diċembru, 2005 huwa ffirma konvenju ta' bejgħ tal-biċċa raba' magħrufa Ta' Nawrata li tinsab fil-limiti ta' l-Għarb. Jgħid li dan iffirmah ma' ċerti Joseph Portelli u Raymond Bajada għan-nom ta' kumpanija[34]. Jispjega li dan ġie ffirmat quddiem in-Nutar Enzo Dimech u huwa anke rċieva d-depożitu ta' għoxrin elf liri maltin (Lm 20,000) akkont tal-prezz totali ta' mitejn elf liri maltin (Lm 200,000).

Iżid li l-kuntratt finali kellu jsir sal-aħħar ta' Novembru, 2006 iżda ma sarx għax mir-ricerki lin-Nutar irriżultalu li kien hemm diġà kuntratt ta' bejgħ fuq l-imsemmija raba' flimkien ma għad

[34] Raymond Bajada ġie identifikat bħala ta' *SB Auto Centre Limited* minn-Nutar Enzo Dimech.

ta' proprjetajiet oħrajn tiegħu (l-attur) inkluż id-dar fejn jgħix lill-konvenut Debrincat bil-prezz redikolu ta' wieħed u għoxrin elf liri maltin (Lm 21,000). Jgħid li dan il-kuntratt suppost li sar fit-30 ta' April, 2005 x'imkien in-Nadur ġo appartament fi Triq it-Telegrafu bin-Nutar kien wieħed Malti, ossia, in-Nutar Pierre Falzon.

Jiddikkjara li huwa qatt ma ffirma xi kuntratt bħal dak u lanqas kien preżenti f'xi appartament in-Nadur għall-pubblikażżjoni ta' xi att simili. Jgħid li wisq anqas iltaqa' man-Nutar Pierre Falzon jew jaf minn hu.

Iżid li għalhekk l-att tat-30 ta' April, 2005 huwa frott ta' ingann u qerq.

Iżid li l-karta tal-identità kurrenti tiegħu saret fl-4 ta' Mejju, 2005 peress li dik li kellu qabel sparixxiet tant li kien anke għamel rapport l-Għassa tal-Pulizija.

Iżid li fl-istess żmien li sar il-kuntratt ta' quddiem in-Nutar Pierre Falzon huwa ma baqax jirċievi l-posta b'dan li ssuspetta li kienet qed tmur x'imkien ieħor. Jgħid li dan ġie kkonfermat minnu meta l-konvenut Debrincat ġablu ċekk bi ħlas mill-Koperattiva tal-Ħalib. Iżid li meta kkonfrontah b'dan, il-konvenut Debrincat wieġbu li sabu fl-apertura tal-kaxxa tal-ittri u ġibdu iżda huwa ma emmnux għax huwa kien jiċċekkja l-kaxxa tal-ittri kostantement.

**Xehed ulterjormant**[35] li lill-konvenut Martin Debrincat jafu billi kien jinnegozja l-ġobon miegħu. Iżid li l-konvenut ġieli anke ħadlu xi nies sabiex iqabblilhom r-raba'.

[35] Fol. 78 sa 93.

Jispjega li l-konvenut ġieli mar id-dar tiegħu b'aktar konsistenza f'xi żmien sabiex idewwilu siequ. Jinsisti li dan kien sar fuq suġġeriment ta' tabib mhux fuq talba tiegħu tant li huwa kien qal lit-tabib li huwa jaf jieħu ħsieb siequ waħdu. Jgħid li għal dan huwa offrielu l-ħlas iżda Debrincat irrifjuta.

Jgħid li f'daru Debrincat qatt ma ħa tobba iżda darba ġab lil xi ħadd li ma kienx tabib.

Jgħid li l-karta tal-identità tiegħu kienet itteħditlu u mhux tilifha. Jispjega li din kien iżommha f'kartiera taħt l-imħadda tas-sodda u darba minnhom ma sabx il-kartiera. Jgħid li ma jafx min ħadha.

Jispjega li Debrincat kien jaħsillu siequ fil-kamra tas-sodda.

Jgħid li huwa qatt m'għamel talba għal tibdil fl-indirizz tiegħu iżda kien hemm żmien meta ma kienx qiegħed jirċievi l-posta d-dar. Jgħid li f'dak iż-żmien Debrincat kien ħadlu ittra tal-Koperattiva tal-Ħalib u qallu li kien sabha wara l-bieb. Jgħid li hawnhekk huwa spjega lil Debrincat li kien ilu dieħel u ħiereġ ġurnata sħiħa u ma kinitx hemm. Iżid li huwa qatt ma rrilaxxa prokura lil Debrincat.

Jgħid li huwa ma jafx lill-Avukat Anglu Farrugia mill-Mosta (id-ditta tiegħu bagħtet l-ittra tal-5 ta' April, 2005 f'ismu — ittra legali a fol. 62).

Jispjega li darba l-konvenut Martin Debrincat ħadu Malta suppost sabiex jara tabib iżda minghajr ma kien hekk talbu huwa, Debrincat ħadu għand avukat. Jgħid li huwa ma jafx minn kien dan l-avukat jew fejn kien l-uffiċċju tiegħu iżda jaf li ma kienx il-Belt iżda ġo xi raħal. Jgħid li huwa kien imur fejn

kien jieħdu Debrincat. Iżid li huwa qatt ma talab lil xi avukat jibgħat ittra lil Michael Mizzi.

Jgħid li huwa jaf bil-*cameras* li għamel Michael Mizzi u kuntent bihom.

Iżid li r-relazzjoni tiegħu ma' Michael Mizzi hija tajba tant li jafdah bħala ħabib.

Jispjega li huwa kien iffirma konvenju biex ibigħ biċċa art bin-nutar kien imbagħad qallu li ma jistax isir l-att finali minħabba li sab li l-art kienet diġà mibjugħa. Jikkonferma li għal dawn l-appuntamenti għand in-Nutar kien ikun miegħu Michael Mizzi. Jinsisti li huwa qatt ma biegħ xi art lil Debrincat.

**In kontroeżami**[36] jgħid li huwa ma jafx jaqra. Jispjega li huwa fetaħ il-kawża sabiex jiġbor ħwejġu peress li ħwejġu ħadhomlu 'dak'. Jgħid li għand l-Avukat Alfred Grech huwa dejjem bagħat lil Michael Mizzi iżda dan bl-istruzzjonijiet ta' x'għandu jgħid lill-Avukat mogħtija minnu.

Jinsisti li huwa sar jaf biss bil-viċenda tal-bejgħ lill-konvenut Debrincat mingħand in-Nutar.

Jgħid li jista' jkun li xi darba kellu xi jgħid ma' Michael Mizzi iżda qatt m'għamel rapport l-għassa ħlief meta tilef il-kartiera bil-karta tal-identità.

Jispjega li l-*cameras* ġew installati, Debrincat qala' waħda minnhom, Michael Mizzi talabhielu lura u Debrincat ġabha lura.

---

[36] Fol. 93 sa 98.

**In rieżami**[37] jgħid li dakinhar stess li n-Nutar qallu li l-kuntratt finali ma setax isir ċemplu lill-Avukat Alfred Grech li mar dak il-ħin stess għand in-Nutar. Iżid li huwa ħa ġurament quddiem in-Nutar wara li dan kien qralu x'hemm fuq il-karta li fuqha kien hemm l-istorja ta' din il-kawża. Iżid li huwa kien fehem x'kien qed jinqralu.

**B'affidavit ulterjuri** maħluf fl-10 ta' Ġunju, 2009,[38] iddikjara li huwa għandu din il-kawża numru 145/2006 għaddejja u jixtieq li din titwaqqa' billi jċediha u jirrinunzja għaliha. Jiddikjara wkoll li huwa fil-fatt għamel kuntratt quddiem in-Nutar Pierre Falzon fit-30 ta' April, 2005 fejn biegħ lil Martin Debrincat diversi proprjetajiet. Iżid li preżenti dakinhar kien hemm ukoll it-Tabib Anton Mifsud bħala xhud. Jirrikonoxxi wkoll bħala preżenti fuq dan l-affidavit ulterjuri lit-tabib Michael Refalo bħala xhud.

Dan l-affidavit ulterjuri huwa akkumpanjat b'certifikat ta' sanita' mentali mahrug mit-tabib Michael Refalo M.D.[39]

**Raymond Bajada**, ta' *SB Auto Centre Limited*, xehed[40] li fit-30 ta' Diċembru, 2005 hu u oħrajn għamlu konvenju mal-attur Mizzi sabiex jixtru biċċa art magħrufa bħala Ta' Nawrata, fl-Għarb. Iżid li l-kuntratt ma seħħx għaliex mir-riċerki rriżulta li l-art kienet preċedentement inbiegħet mill-attur Mizzi lil terzi. Jispjega li mal-attur Mizzi tkellem quddiem in-Nutar meta ġie skopert li kien hemm diġà kuntratt ieħor b'Mizzi wera li ma kien jaf b'xejn rigward dan.

---

[37] Fol. 98 sa 103.
[38] Affidavit a fol. 199.
[39] Certifikat a fol. 198.
[40] Fol. 42 sa 43.

**In kontroeżami**[41] jgħid li meta kellem lill-attur Mizzi dan kien akkumpanjat minn Michael Mizzi u kien hemm ukoll preżenti s-sensar, ċertu Fenech.

**Michael Mizzi**[42] xehed[43] li huwa biss ġar mal-attur u mhux parentela miegħu. Iżid li lill-attur ilu jafu madwar għoxrin (20) sena.

Jgħid li huwa kien jakkumpanja lill-attur meta kien qiegħed jigi diskuss il-bejgħ ma' Raymond Bajada u dan peress li l-attur huwa anzjan u ried minn jgħinu.

Iżid li huwa mal-attur jiltaqa' xi darbtejn kuljum u jgħinu f'li jkun hemm bżonn. Iżid li ġieli jsajru flimkien jew għal xulxin jew anke jaħdmu r-raba' flimkien.

Rigward ir-raba' Ta' Nawrata jgħid li Bajada u Portelli marru għand l-attur biex jixtruha b'dawn ftehmu fuq il-prezz. Iżid li huwa kien ikun preżenti għad-diskussjonijiet. Jgħid li sar il-konvenju iżda meta resqu għall-kuntratt skoprew il-problema.

Jgħid li huwa tkellem mal-attur dwar dan bl-attur kien sorpriż ħafna. Iżid li l-attur talbu jkellem lill-konvenut Debrincat dwar din il-biċċa iżda dan kien jaħarbu.

Jgħid li huwa lill-konvenut Debrincat jafu ftit mir-raħal u jafu bħala imbruljun. Iżid li l-konvenut kien jitħabbeb mal-attur.

---

[41] Fol. 43 sa 44.

[42] Fix-xhieda tiegħu qabel ma' ġie trasfuż f'ismu l-ġudizzju liema xhieda ġiet mogħtija nhar s-6 ta' Novembru, 2007 mentri l-ġudizzju ġie trasfuż f'ismu nhar l-10 ta' Settembru 2009.

[43] Fol. 45 sa 55.

Jgħid li Debrincat għamel ħabta jmur id-dar tal-attur idewwilu siequ filgħaxija.

Iżid li peress li l-attur ġieli safa vittma ta' serq, huwa (ix-xhud) kien installa xi *cameras* mad-dar tiegħu (tal-attur). Jgħid li dan kien bil-kunsens ta' l-attur u l-*monitors* relattivi għal-*cameras* kienu fil-garaxx tiegħu (tax-xhud).

Iżid li meta l-konvenut Debrincat ittenda bil-*cameras* dan qala' waħda minnhom. Jgħid li l-għada huwa kkonfrontah fuq hekk.

Jgħid li xi żmien wara marru l-pulizija sabiex ineħħu l-*cameras* iżda ma neħħewhomx meta huwa informahom li dawn kienu saru bil-kunsens tal-attur. Iżid li meta staqsiehom min bagħathom baqa' bla risposta.

Jgħid li meta skoprew li kien sar kuntratt, huwa saqsa lill-attur jekk kienx iffirma xi ħaġa b'dan qallu li huwa qatt ma ffirma xejn.

Iżid li huwa sar jaf li l-attur mar Malta mal-konvenut Debrincat għaliex l-attur kien informah li kellu vista ma' tabib fejn kien sejjer mal-konvenut iżda kien ser ikun lura d-dar fl-istess jum. Jgħid li għalhekk, meta l-attur ma rritornax id-dar huwa cempel lill-mara ta' Debrincat għan-numru tal-mowbajl ta' żewġha iżda din qaltlu li l-mowbajl ma kienx fuq żewġha. Jgħid li wara dan mar l-għassa tal-pulizija u dawn informawh li jafu li l-attur qiegħed ma' Debrincat. Jispjega li meta rah l-għada l-attur spjegalu x'kien ġara bit-tabib u li kienu raqdu Malta.

Iżid li din kienet l-unika darba li l-attur ħareġ mill-konvenut Debrincat u damu fit-tul. Jgħid iżda li l-attur ħareġ drabi oħra

mal-konvenut Debrincat jaraw xi raba' b'Debrincat kien jgħidlu b'xi Malti li ried jikri.

**In kontroeżami**[44] jikkonferma li lill-attur ilu jafu xi għoxrin (20) sena. Jgħid li l-attur jagħmel kollox waħdu għalhekk huwa jgħinu aktar milli jieħu ħsiebu.

Iżid li huwa kien ilu ħabib tal-attur minn ferm qabel ma kellu xi jgħid mal-konvenut Debrincat.

Jgħid li għalkemm huwa u l-attur ħbieb, huwa ma kienx idewwi sieq l-attur għax dan qatt ma talbu jagħmel hekk. Iżid iżda li kien hu li jieħu ħsieb jieħu lill-attur għand it-tobba skont il-bżonn. Jgħid li huwa ma jafx jekk kienx l-attur li talab jew Debrincat li offra li jmur jaħsel sieq l-attur.

Jgħid li l-*cameras* twaħħlu fil-proprjetà tal-attur bil-kunsens tiegħu.

Mistoqsi jekk xi darba l-attur bagħatx ittra bl-avukat lill-ispettur tad-distrett biex jiġu jkellmuh sabiex jinqalgħu l-*cameras* jgħid li jekk inhu hekk għandhom jipprezentaw l-ittra u jistaqsu lill-attur.

Iżid li l-*monitors* saru fil-proprjetà tiegħu għax kien aktar konvenjenti u sigur li jsir hekk. Jispjega li l-*cameras* ġew installati lejn Frar 2005 bil-konvenut Debrincat qatt ma reġa' daħal għand l-attur minn dakinhar.

Jispjega li l-attur kien jgħidlu huwa stess meta jiltaqa' mal-konvenut, fejn imorru, kif ukoll x'jagħmlu u ma jagħmlux.

[44] Fol. 55 sa 60.

**Mario Tabone,** in rappreżentanza tar-Reġistru Elettorali, xehed[45] li l-attur ilu reġistrat li jirrisjedi fin-numru 24, Triq San Pietru, l-Għarb, mit-22 ta' Mejju, 1996 kif għadu sal-lum. Iżid li l-uffiċċju jkun informat meta tintilef karta tal-identità bl-individwu kkonċernat ikun għamel rapport l-għassa tal-pulizija liema rapport jieħdu l-uffiċċju meta jmur jagħmel it-talba għall-karta ta' l-identità ġdida.

**Alvin Grech**, in rappreżentanza ta' *Maltapost*, xehed[46] li l-proċedura għal bdil tal-indirizz hija billi wieħed imur f'fergħa tal-posta, juri l-karta tal-identità, u ssir *redirection of mail*.

Iżid li f'każ li applikant ikun indispost, min japplika f'ismu jrid jew ikollu prokura jew inkella jieħu applikażżjoni għall-firma tal-applikant liema applikażżjoni mbagħad jirritorna l-fergħa. Iżid li f'dan il-każ, tali persuna jkollha tieħu magħha l-karta tal-identità tal-applikant sabiex titqabbel il-firma tal-applikant fuq l-applikażżjoni ma' dik fuq il-karta ta' l-identità.

Jispjega li f'dan il-każ il-posta rċeviet talba għal *re-direction* f'Mejju tal-2005 u kienet valida sat-8 ta' Mejju, 2006. Iżid li huma ma jżommux tagħrif jekk ikunx mar personalment l-applikant.

**Ruben Grech**,[47] ukoll in rappreżentanza ta' *Maltapost*, xehed li t-talba għal *re-direction* tal-posta saret fl-2005 minn Giuseppe Mizzi ta' 24, Triq San Pietru, l-Għarb għal *redirection* minn dak l-indirizz għall-indirizz 42, Triq Madre Gemma Camilleri, in-Nadur. Iżid li fuq it-talba hemm il-firma tal-applikant, l-attur Giuseppe Mizzi.

---

[45] Fol. 69 sa 70.
[46] Fol. 71 sa 74.
[47] Fol. 116 sa 118.

Jesibixxi l-applikażżjoni immarkat RG1.[48]

**Joseph Portelli**, li kien deher bħala wieħed mill-kompraturi prospettivi fuq il-konvenju ffirmat mal-attur fit-30 ta' Diċembru, 2005, xehed[49] li huwa għamel konvenju mal-attur sabiex jixtri biċċa raba' iżda l-kuntratt finali ma sarx għax irriżulta li l-attur ma kellux titlu tajjeb wara li saru r-riċerki.

**Louis Grech**, għan-nom tad-Dipartiment tas-Sanità, xehed[50] li d-Dipartiment rċieva ittra datata t-18 ta' Mejju, 2005 mid-Dipartiment tal-Ħarsien tal-Familja li biha kienu informati li kienet neċessarja spezzjoni fir-residenza l-attur Giuseppe Mizzi. Jgħid li huwa mar fir-residenza tal-attur nhar l-24 ta' Mejju, 2005 u kelmu personalment. Jispjega li sab il-kondizzjonijiet kif deskritti fl-ittra ossia kien hemm it-taqlib, ħmieġ, u ammont ta' storbju. Jgħid li għalhekk ħareġ avviż ta' erba' (4) ġimghat żmien sabiex dan jiġi rimedjat.

Jispjega li reġa' mar għand l-attur wara erba' (4) ġimgħat ossia fit-28 ta' Ġunju, 2005 fejn sab li kollox kien għadu l-istess. Iżid li kien huwa li talab lill Michael Mizzi jgħin lill-attur biex inaddaf għax fin-nuqqas kien ser ikollu jtellgħu l-Qorti. Jgħid li Michael Mizzi wegħdu li ser jgħin lill-attur.

Iżid li reġa' mar jispezzjona fis-6 ta' Lulju, 2005 u ra li l-attur kien tnaddaf a sodisfazzjon tagħhom bil-każ ingħalaq hemm.

Jesibixxi r-rapport tiegħu u dokumenti relatati bħala dokument LG 1.[51]

[48] A fol. 119.
[49] Fol. 75 sa 77.
[50] Fol. 107 sa 110.
[51] Rapport a fol. 112 sa 115.

Iżid li fl-opinjoni tiegħu l-istat mentali tal-attur kien tajjeb tant li dan tkellem miegħu tajjeb.

**In kontroeżami**[52] jgħid li ma jaħsibx li l-ispezzjoni kienet riżultat ta' rapport imma ta' spezzjoni ta' rutina mill-ispetturi tad-Dipartiment tal-Ħarsien tal-Familja. Jispjega li huwa sab lil Michael Mizzi waqt li kien qiegħed ifittex lill Giuseppe Mizzi fl-inħawi u b'xorti sab lill Michael Mizzi li ħadu għand l-attur. Iżid li meta mbagħad saqsa lill-attur għandux xi ħadd jigi minnu li jista' jgħinu dan indikalu lil Michael Mizzi. Jgħid li għalhekk imbagħad huwa mar lura fejn Michael Mizzi u talbu jgħin lill-attur.

**Carmel Cordina**, in rappreżentanza tad-Dipartiment tal-Ħarsien tal-Familja, xehed[53] li bħala *Casual Welfare Officer* huwa kien inkarigat minn superjur tiegħu, ċertu Peter Paul Portelli li huwa *social worker* kif ukoll l-kap tal-unità, sabiex imur għand l-attur Giuseppe Mizzi għal *home visit* l-Għarb. Iżid li dan seħħ stante lment li wasal għandhom mingħand is-Surgent tal-Pulizija Miriam Attard (Mangion).

Jgħid li huwa mar fir-residenza tal-attur fit-18 ta' Mejju, 2005 flimkien mal-kollega tiegħu Nicolette Vella.

Jgħid li l-anzjan instab jgħix waħdu f'dar qadima. Iżid li kien fuq saqajh u jimxi u qalilhom li huwa joħroġ ukoll. Jispjega li ma kienx liebes ilbies nadif u meta staqsewh isajjarx qalilhom li jieħu ħsiebu ċertu Michael Mizzi li joqgħod maġenbu.

Iżid li huma nnutaw li d-dar ma kinitx nadifa, bi platti maħmuġin fis-sink u bil-friex tas-sodda wkoll mhux nodfa.

[52] Fol. 110 sa 111.
[53] Fol. 144 sa 152.

Jgħid li għalhekk rrakkomandawlu sabiex iżomm ruħu nadif. Iżid li hawnhekk huwa ħadha kontra tagħhom u qalilhom li hemm daru u fiha jagħmel li jrid. Jispjega li offrewlu l-għajnuna iżda huwa rrifjuta għax qal li għandu minn jieħu ħsiebu.

Jikkonkludi li għalihom is-sitwazzjoni tiegħu ma kinitx aċċettabbli u għalhekk għaddew ir-rapport lis-superjur tagħhom li min-naħa tiegħu għaddieh lid-Dipartiment tas-Sanità.

**Joseph Cutajar**, xehed[54] li huwa jaħdem bħala sensar. Iżid li lill-attur Giuseppe Mizzi jafu billi huwa flimkien ma' sieħbu Mark Theuma kienu ppruvaw jagħmlu negozju miegħu. Jispjega li madwar sentejn ilu ried jixtri għalqa fl-Għarb mingħandu għal mitejn elf liri maltin (Lm 200,000) iżda l-attur ma riedx ibigħhielu. Jgħid li baqgħu li jekk l-attur jibdel fehmtu jkellmu.

Jgħid li l-attur żamm kelmtu u wara xi sena ċempillu u qallu li jekk jagħtuh mitejn u għoxrin elf liri maltin (Lm 220,000) kien ibigħhielhom. Iżid li huma qablu u marru għand in-Nutar Kristen Dimech jew Enzo Dimech (mhux ċert minn minnhom) sabiex isir il-konvenju.

Jispjega li l-għalqa tinsab ħdejn il-knisja parrokkjali tal-Għarb u hija tajba għall-bini żgur għax kieku ma kienx jidħol għaliha.

Iżid li l-għalqa kienet ser tinbiegħ lill-persuna oħra. Iżid li kien l-attur li ssuġġerixxa l-prezz il-bejgħ ma ġiex konkluż għal raġunijiet li huwa ma jafx. Jgħid li Mark Theuma jaf il-fatti aħjar minnu.

[54] Fol 153 sa 158.

**Mark Theuma**, xehed[55] li huwa jagħmel xogħol ta' sensarija. Iżid li lill-attur Giuseppe Mizzi jafu għax kellu negozju miegħu madwar sentejn ilu dwar biċċa raba' fejn il-Knisja tal-Għarb.

Jispjega li l-ewwel darba lill-atturi kienu offrewlu mitejn elf liri maltin (Lm 200,000) għall-għalqa iżda ma waslux. Iżid iżda li wara sena l-attur ċemplilhom u fuq rikjesta tiegħu għal mitejn u għoxrin elf liri maltin (Lm 220,000) kienu waslu.

Iżid li huwa ressaq xerrej prospettiv u ftit taż-żmien wara sar konvenju bil-prezz konvenut ta' mitejn u għoxrin elf liri maltin (Lm 220,000). Ikompli li minkejja dan, in-negozju ma ġiex konkluż peress li mir-ricerki rriżulta xi taħwid. Rigward x'kien jikkonsistu t-taħwid jgħid li l-attur kien għamel xi jew ħadulu xi ħaġa imma ma jafx eżatt.

Jgħid li ma jafx eżatt x'ġara iżda jiftakar li filwaqt li meta ressqu għall-konvenju ma nqala' xejn, xi żmien wara meta saru r-riċerki l-aġent qallu li n-Nutar sab xi problema.

Iżid li jiftakar xi kliem rigward persuna li aktarx tressqet il-Qorti mill-attur li kienet kitbet xi ħaġa jew għamlet xi ħaġa imma ma jafx eżatt.

**In kontroeżami**[56] xehed li ma jafx x'qal in-Nutar għax ma kienx preżenti. Jgħid li dwar it-taħwid huwa sar jafu mingħand l-aġent, Ġorġ Fenech.

[55] Fol. 159 sa 163.
[56] Fol. 163.

**Dr Michael Refalo**, tabib, muri ċ-ċertifikat a fol. 198 tal-proċess, xehed[57] li dak huwa ċ-ċertifikat li huwa ħareġ lil Giuseppe Mizzi meta eżaminah fl-10 ta' Ġunju, 2009.

Jgħid li Giuseppe Mizzi kien pazjent l-Isptar Ġenerali ta' Għawdex fejn iltaqa' miegħu f'xi ħin wara nofsinhar fil-preżenza tan-Nutar Silvio Hili.

Jispjega li huwa qal lil Giuseppe Mizzi li kien hemm sabiex ikellmu dwar Martin Debrincat mill-Għarb. Iżid li Giuseppe Mizzi qallu li dak għamel ħafna negozju miegħu.

Jgħid li spjega lill Giuseppe Mizzi li huwa kien hemm sabiex ikellmu fuq xi ħaġa partikolari, ossia; kuntratt li huwa kien għamel ma' Martin Debrincat żmien qabel rigward bejgħ ta' xi proprjetà.

Jgħid li huwa staqsa lil Giuseppe Mizzi jekk riedx ikompli bil-kawża u dan wieġbu li ma riedx.

Iżid li staqsa lill Giuseppe Mizzi kienx lest li jiffirma li ma jixtieqx ikompli bil-kawża fil-preżenza tan-Nutar Hili li kien magħhom u dan wieġbu li kien. Jgħid li għalhekk eżaminah u sabu li kien tajjeb sabiex jiffirma u jieħu ħsieb ħwejġu u għalhekk n-Nutar Hili ghadda sabiex ircieva l-affidavit.

Jispjega li huwa kien sar jaf bil-kawża minn Martin Debrincat li kien talbu jmur ikellem lill Giuseppe Mizzi sabiex jara jekk dan riedtx u kienx kapaċi jiffirma rigward li jwaqqa' l-kawża. Iżid li lil Giuseppe Mizzi kien jafu bħala pazjent l-isptar u qatt ma kien

[57] Fol. 295 sa 301.

kellmu jew invistah qabel dakinhar. Jgħid li lil Debrincat ġie li rah qabel u ġieli anke qdieh professjonalment.

Jinsisti li wara li staqsih li kien hemm bżonn, in-Nutar Hili kiteb li qallu Giuseppe Mizzi, identifika l-kawża pertinenti, qara dak li kiteb, Giuseppe ffirma, u huwa ffirma wkoll sabiex ikun ċert li d-dokument rah. Iżid li Giuseppe Mizzi kien kapaċi għal dak li ffirma.

**In kontroeżami**[58] jgħid li Debrincat ma kienx preżenti dakinhar li ġie rilaxxat iċ-ċertifikat u l-affidavit u ċ-ċertifikat ġie rilaxxjat mumenti biss qabel sar l-affidavit. Jgħid li kienu biss preżenti Giuseppe Mizzi, hu, u n-Nutar Hili. Iżid li l-affidavit inkiteb dak il-ħin stess u huwa baqa' preżenti hemm sakemm inkiteb l-affidavit u ġie ffirmat minn Giuseppe Mizzi. Jgħid li huwa ffirmah ukoll bħala xhud.

**In-Nutar Pierre Falzon**, xehed[59] li l-partijiet fil-kuntratt tat-30 ta' April, 2005 kienu Giuseppe Mizzi u Martin Debrincat. Iżid li lil Giuseppe Mizzi kien iltaqa' miegħu xi tliet (3) darbiet oħra qabel ma sar dan il-kuntratt. Jgħid li dan peress li ġieli mar għandu ma' Debrincat sabiex ikellmu rigward kiri ta' art lill-kaċċaturi.

Jgħid li Giuseppe Mizzi kellmu wkoll dwar dan il-kuntratt u qallu li ried jittrasferixxi l-proprjetà iżda ried li jżomm dritt fuq l-istess bħal qiesu l-użufrutt tiegħu. Iżid li l-kuntratt jirriferi għad-dar numru 24 u xi raba'.

Jinsisti li meta kellmu, Giuseppe Mizzi kien għandu personalment ma' Martin Debrincat fl-uffiċċju tiegħu Ħ'Attard. Jinsisti li Giuseppe Mizzi mar għandu xi tliet (3) darbiet. Jispjega

[58] Fol. 301 sa 303.
[59] Fol. 304 sa 309.

li dwar il-kuntratt in mertu tkellem ma' Mizzi xi darbtejn qabel ma abbozzah.

Iżid li Giuseppe Mizzi dejjem mar għandu flimkien ma' Debrincat.

Jispjega li sabiex abbozza l-kuntratt in mertu huwa rrefera wkoll għal dikjarazzjoni *causa mortis* li kien għamel Giuseppe Mizzi.

**In kontroeżami**[60] jikkonferma li kemm Debrincat, kemm Mizzi, kif ukoll it-Tabib Anton Mifsud kienu preżenti fuq l-att in mertu bit-tabib kien hemm għaliex huwa ried ċertifikat ta' tabib ukoll.

Jgħid li Giuseppe Mizzi ffirma l-kuntratt in mertu huwa stess.

Jgħid li Giuseppe Mizzi deher li fehem il-kuntratt bil-flus tħallsu f'kontanti dak il-ħin stess minn Debrincat lil Giuseppe Mizzi. Iżid li Mizzi għodd il-kontanti kollha. Iżid li l-kuntratt ġie spjegat lill Giuseppe Mizzi kemm minnu kif ukoll mit-tabib. Jgħid li d-dritt tal-użufrutt fuq ir-raba' nżamm fuq insistenza ta' Mizzi stess għax ried jibqa' jgawdi r-raba' sa mewtu.

**In rieżami**[61] jgħid li kien huwa li insista li jkun hemm tabib u dan minħabba l-età ta' Mizzi u n-natura tal-att. Jgħid li huwa ried ikun ċert li kollox isir kif suppost.

**In kontroeżami ulterjuri**[62] jgħid li jiftakar li Giuseppe Mizzi kien talbu jimlielu formula għal *re-direction* tal-posta. Iżid li Mizzi kien qallu li kien hemm xi ħadd ibagħbas fil-posta tiegħu iżda ma semmiex min, qal biss li kien xi ħadd li jmur jarah ukoll.

[60] Fol. 309 sa 311.
[61] Fol. 311 sa 312.
[62] Fol. 312 sa 313.

Jgħid li r-relazzjoni ta' bejn Debrincat u Mizzi kienet waħda tajba u huwa jaf li Debrincat kien jagħmillu xi medikażżjoni u jnaddaflu b'dan qalulu Giuseppe Mizzi stess.

**Dr Nathalie Ellis Gatt**, tabiba, in rappreżentanza tas-Supretendent tal-Isptar Ġenerali ta' Għawdex xehdet[63] li Giuseppe Mizzi miet fl-10 ta' Lulju, 2009 kaġun ta' *essential Thrombosythenia* ossia *deficiency* tad-demm. Iżżid li ma kellu xejn iżjed.

Tgħid li Mizzi ddaħħal l-isptar fis-26 ta' Mejju, 2009 fuq riferta tat-tabib tiegħu Dr Martin Cutajar għax kien naqqas fl-aptit u tilef il-piż.

Tispjega li l-effett tal-mard li ħasad ħajjet Mizzi huwa li dan kien dgħajjef ħafna għax kien tilef id-demm. Iżżid li kien anke jkollu d-deni.

Tispjega li Mizzi kellu d-deni fl-10 ta' Ġunju, 2009 fejn kellu deni ta' mija u tnejn (102). Tgħid li fl-14 ta' Ġunju, 2009 ukoll instab li kellu d-deni. Tgħid dan huwa tipiku ta' min ikollu din il-marda.

Tispjega li b'li 'jkun dgħajjef' tfisser li jkun bla saħħa iżda wieħed xorta jibqa' mija fil-mija f'sensih. Tgħid li l-effett kien fuq is-saħħa fiżika.

Tgħid li fid-dokumenti tal-isptar m'hemmx indikat li l-mard li kien qed isoffri minnu Mizzi kellu xi effett fuq r-rieda/volontà (is-saħħa mentali) tiegħu.

[63] Fol. 314 sa 318.

**In kontroeżami**[64] tgħid li meta Mizzi ddaħħal l-isptar ma kienx fi stat ta' iġjene tajba u kien *dehydrated* ħafna. Iżżid li fid-dokumenti m'hemm ebda notament rigward is-saħħa mentali tiegħu. Tgħid li kollox jikkonċerna biss is-saħħa fiżika tiegħu. Iżżid li deni kien ikollu ta' spiss.

**Dr Anton Mifsud**, tabib, xehed[65] li huwa llum irtirat mill-professjoni medika. Muri kopja ta' ċertifikat mediku rilaxxat minnu fit-30 ta' April, 2005[66] jispjega li dak irrilaxxah meta attenda għall-kuntratt bejn Giuseppe Mizzi u Martin Debrincat fin-Nadur, Għawdex, u wara li vverifika li Giuseppe Mizzi kien fi stat mentali tajjeb.

Jgħid li l-kuntratt sar fi proprjetà n-Nadur li huwa assuma li kienet l-uffiċċju tan-Nutar Pierre Falzon. Iżid li f'dan il-post lilu wasslu Martin Debrincat.

Iżid li lil Giuseppe Mizzi huwa kien ilu jafu sena u dan għaliex meta kien imur jara lit-tifel ta' Martin Debrincat fil-Belt, Malta, kien ikun hemm Giuseppe Mizzi u huwa kien jaralu siequ għax kellha ferita. Iżid li dan kien jiġri l-Belt, Malta, għaliex it-tifel ta' Martin Debricnat kien qed jagħmel xi kors hemmhekk.

Jispjega li huwa familjari mal-familja Debrincat għax fis-snin 70 kien jaħdem Għawdex.

Jaqbel li meta ra lil Giuseppe Mizzi qabel il-kuntratt tat-30 ta' April, 2005 dan kien dejjem rigward saħħa fiżika, mhux kapaċità mentali.

---

[64] Fol. 318 sa 320.
[65] Fol. 332 sa 336.
[66] Ċertifikat a fol. 262.

Jgħid li dakinhar tal-kuntratt tela' Għawdex minn Malta, ġabru Debrincat u ħadu l-uffiċċju tan-Nutar Pierre Falzon. Jispjega li hemm eżamina lil Giuseppe Mizzi sabiex jikkonferma jekk kienx għadu fi stat mentali tajjeb kif kien jafu qabel. Jgħid li wara li eżaminah kien sodisfatt mill-istat mentali tiegħu u baqa' hemm għall-kuntratt ukoll.

**In kontroeżami**[67] jispjega li dakinhar li rrilaxxa ċ-ċertifikat tat-30 ta' April, 2005 ma kienx l-ewwel darba li ltaqa' ma' Giuseppe Mizzi. Iżid li lil Giuseppe kien rah xi erba' jew ħames darbiet qabel dakinhar. Jispjega li lill Giuseppe huwa staqsih diversi mistoqsijiet sabiex jiċċertifika s-saħħa mentali tiegħu u dan inkluż dwar materja kurrenti u personali. Iżid li staqsieh ukoll kienx jaf x'kien ser jagħmel peress li dakinhar kien ser jagħmel kuntratt ta' bejgħ ta' proprjetà.

Iżid li huwa kien sodisfatt li Giuseppe kien fi stat mentali tajjeb, li kien jaf kollox x'qed jagħmel, u għalhekk huwa ħareġ iċ-ċertifikat dak il-ħin b'dan li anke baqa' preżenti matul il-kuntratt kollu.

**In-Nutar Silvio Hili**, muri l-affidavit a fol. 199 tal-proċess 145/2006, xehed[68] li Martin Debrincat kien avviċinah u informah li ċertu Giuseppe Mizzi ried iwaqqa' xi kawżi li kellu miegħu. Jgħid li għalhekk huwa mar l-isptar fejn kien rikoverat Giuseppe Mizzi.

Iżid li ma' Mizzi qatt ma kien iltaqa' qabel. Jispjega li dakinhar huwa kiteb dak li qallu Mizzi, ossia, li Mizzi rid iwaqqaf dawk il-kawżi. Iżid li l-affidavit inkiteb dak il-ħin stess.

[67] Fol. 336 sa 338.
[68] Fol. 339 sa 341.

Jispjega li fiżikament Mizzi kien batut iżda mentalment kien tajjeb.

Jgħid li huwa kien sodisfatt li dak li kiteb kien jirrifletti r-rieda ta' Mizzi.

**In kontroeżami**[69] jikkonferma li dakinhar li mar l-isptar sabiex jirċievi l-affidavit ta' Mizzi, Martin Debrincat ma kienx hemm. Jgħid li kien hemm preżenti t-Tabib Micheal Refalo li ċċertifika li l-istat mentali ta' Mizzi kien tajjeb u baqa' hemm tul il-proċess kollu sabiex sar l-affidavit.

**Francesco Saverio sive Frank Calleja**, xehed bil-procedura tal-affidavit.[70] Jiddikkjara li erbatax(14)-il sena ilu Martin Debrincat iltaqa' miegħu u ħajru jixtri xi proprjetajiet l-Għarb, Għawdex. Jgħid li Debrincat ħadu jara l-proprjetà li kienet tikkonsisti f'dar qadima fi Triq San Pietru, l-Għarb kif ukoll xi raba'. Iżid li waħda mill-għelieqi kienet maġenb il-knisja tal-Għarb.

Jgħid li dakinhar Martin Debrincat ħadu wkoll għand Giuseppe Mizzi li kien joqgħod fi Triq San Pietru sabiex jitkellmu dwar il-proprjetà. Jgħid li huma tkellmu barra quddiem id-dar ta' Giuseppe Mizzi. Iżid li huwa kien, u wera li kien interessat jixtri kollox.

Jgħid li huwa ngħata prezz u ġie mgħarraf bil-kondizzjonijiet marbutin mal-bejgħ u ta' kelmtu li jerġa' jkellimhom aktar tard.

Iżid li wara dan kellem lil Martin Debrincat u informah li ma kienx ser jixtri u sabiex jinforma b'dan lil Giuseppe Mizzi.

[69] Fol. 341 sa 343.
[70] Fol. 374.

**Xehed ulterjorment**[71] muri l-affidavit tiegħu a fol. 374 jgħid li dak kitbu hu u ħalfu l-Qorti ta' Malta. Iżid li jaf x'fih l-affidavit, jinsisti li kitbu huwa stess, u jagħraf il-firma tiegħu.

Jispjega li lil Martin Debrincat ilu jafu għax għandu ħanut tal-merċa fl-Għarb fejn anke kienu jiltaqgħu inkluż man-Nutar Spiteri.[72] Jgħid ukoll li huwa midħla ta' Għawdex għax kien inkarigat mill-isptar t'Għawdex. Iżid li huwa kien anke biegħ għalqa lil Debrincat u wara xtara dar Għawdex mingħand Debrincat.

Rigward Giuseppe Mizzi jgħid li darba kien fejn id-dar tiegħu f'Għawdex u Debrincat avviċinah u informah dwar proprjetà għal bejgħ fl-Għarb li kienet ta' Mizzi. Iżid li huwa tħajjar għax kien jinnegozja u għalhekk l-ewwel marru jaraw il-proprjetà u wara marru kellmu lil Giuseppe Mizzi. Jgħid li sabu lill Mizzi bilqiegħda quddiem id-dar tiegħu b'dan qallu li kien lest li jbigħlu l-proprjetà iżda bil-kondizzjoni li jidħol fil-proprjetà wara mewtu. Jgħid li dak il-ħin ma tahx kelma.

Iżid li d-dar li ra sabiex potenzjalment jakkwista kienet l-istess dar ta' residenza ta' Mizzi u li din kien ikollha titwaqqa' għax ma kinitx fi stat tajjeb.

Jgħid li dan kollu ġara aktar minn erbatax(14)-il sena ilu bil-laqgħa u d-diskors sar quddiem id-dar ta' Mizzi.

Jgħid li meta kellem lil Giuseppe Mizzi dan kien fi stat ta' saħħa normali. Iżid li huma tkellmu normali b'mod ta' negozzjar u huwa anke tkellem ma' Mizzi rigward ferita li nnutalu f'siequ b'dan qallu li Martin Debrincat jieħu ħsieb idewwieh. Jgħid li

[71] Fol. 393 sa 398.
[72] Ix-xhud għandu proprjetà l-Għarb, skont l-affidavit tiegħu a fol. 374.

f'mument minnhom Mizzi daħal ġo daru u ġablu xi pjanti. Iżid iżda li huwa kien diġà tilef l-interess li jixtri meta Mizzi qallu li jidħol fil-proprjetà wara li jmut. Jgħid iżda li ma qalx lil Mizzi dak il-ħin iżda wara bagħat risposta ma' Debrincat.

Jgħid li huwa ġieli ltaqa' ma' Martin Debrincat il-Belt, Malta u miegħu kien ikun hemm Mizzi iżda huwa ma kienx jafu lil Mizzi.

**In kontroeżami**[73] jgħid li l-ħsieb li jikteb l-affidavit ġiet meta ltaqa' ma' Martin Debrincat l-Belt. Jgħid li hawn tkellmu fuq xi kawżi li kienu involuti fihom b'Debrincat talbu jagħmillu affidavit dwar meta darba ħadu biex jixtri u ma xtarax. Iżid li huwa aċċetta, ittajpja l-affidavit u mar jieħu ġurament il-Qorti ta' Malta.

Jgħid li l-uniku negozju li huwa għamel ma' Debrincat kien meta Debrincat xtara għalqa mingħandu u huwa xtara post mingħand Debrincat.

Iżid li ma' Giuseppe Mizzi laqqghu Martin Debrincat.

Jgħid li fl-istess jum li Martin Debrincat ħadu jara l-proprjetà ta' Mizzi, wara ħadu ħdejn Mizzi, li sabuh bilqiegħda quddiem daru, b'Mizzi ried ibigħlu kollox iżda wara li jmut: ossia ried li jitħallas iżda jibqa fil-proprjetà sa mewtu. Iżid li huwa għalhekk li ma aċċettax. Iżid ukoll li d-dar residenzjali ta' Mizzi, li kienet kompriża fid-diskors tal-bejgħ, ma kinitx tajba jekk mhux sabiex titwaqqa'.

[73] Fol. 401 sa 407.

Jgħid li huwa ddejjaq jgħid lill Mizzi li ma riedx jixtri u għalhekk bagħat lil Martin bir-risposta.

Jgħid li din kienet l-unika darba li ltaqa' ma' Mizzi fin-negozju iżda rah ukoll madwar darbtejn/tliet darbiet ma' Martin Debrincat il-Belt.

**In rieżami**[74] jgħid li huwa studja bħala *Quantity Surveyor* barra minn Malta. Iżid li għamel ħames (5) snin l-Università u beda jaħdem barra minn Malta. Jgħid li mbagħad ġie Malta u daħal mal-Gvern fejn ġie wkoll inkarigat mill-Isptar u l-Port t'Għawdex bħala *Superintendent Officer*.

Jispjega li waħda mill-għelieqi ta' Mizzi li huwa ra hija għalqa mxattra li qiegħda n-naħa tal-knisja tal-Għarb.

**Joseph Debrincat**, iben il-konvenut, xehed[75] li huwa kien ilu jaf lil Giuseppe Mizzi minn meta kien żgħir stante li dan mir-raħal. Jgħid li jafu joqgħod Triq Santu Pietru, l-Għarb, flimkien ma' oħtu. Iżid li jafu wkoll jagħmel xi negozju ma' missieru b'dan li kien ibighlu xi prdotti agrikoli kif ukoll ġobon li kien jagħmel hu stess peress li missieru kellu ħanut tal-merċa.

Iżid li Mizzi kien jagħmel ukoll negozju fil-proprjetà ma' missieru b'dan li huwa jiftakar lill missieru jressaqlu xi nies anke Maltin biex jew ibigħlhom jew jikrilhom xi artijiet għall-kaċċa u għall-insib.

Jgħid li Mizzi kien spiss ikun għand missieru fejn ġieli tkellem miegħu wkoll.

[74] Fol. 407 sa 408.
[75] Ix-xhud xehed fl-udjenza tal-10 ta' Settembru, 2020, bit-traskrizzjoni in atti mhijiex impaġnata.

Iżid li meta xi darba missieru ma kienx ikun jista jieħu xi nies jaraw xi proprjetà ta' Mizzi kien jeħodhom hu. Jgħid li fost dawn id-drabi darba mar ma wieħed Malti mingħand missieru għal għand Mizzi. Iżid li Mizzi lil dan il-Malti indikalu d-dar tiegħu bħala għall-bejgh imbagħad minn hemm marru jaraw xi raba' wkoll. Jgħid li l-aħħar proprjetà li raw kienet razzett ta' Mizzi li kien żdingat b'Mizzi qal lill-Malti li jrid ibigħ kollox iżda x-xewqa tiegħu hi li jżomm kollox sa ma jmut. Jgħid li hawnhekk il-Malti deher li ma kienx interessat li jixtri.

Jgħid li Mizzi kien bniedem iebes biex tixtri mingħandu u mhux la kemm tagħmel negozju miegħu. Iżid li r-relazzjoni bejn Mizzi u missieru kienet waħda tajba b'dan jafu personalment għax kien jarahom flimkien.

Jgħid li l-aħħar li ra lil Mizzi għand missieru kien rah eċitat ħafna (anzjuż). Jgħid li dan kien għaliex Jacob Mizzi, iben Michael Mizzi, kien qed isegwih. Iżid li huwa stess kien ra lil Jacob bilqiegħda ġot-trakk tiegħu pparkjata ftit 'il bogħod mid-dar ta' missieru. Jgħid li dakinhar, kuntrarjament għas-soltu li kien imur lura bil-mixi, Mizzi talab lil xi ħadd minnhom biex iwaslu d-dar u fil-fatt kien waslu hu. Jgħid li fi triqthom kienu segwiti minn Jacob Mizzi tant li huwa għad jistenna lil Giuseppe jidħol ġo daru qabel telaq.

Iżid li fil-bidu tas-sena 2000 Mizzi kien talbu jmur d-dar tiegħu sabiex jirranġalu xi ħsarat li kellu f'bieb u oħrajn li simnu bix-xita. Jgħid li dakinhar Mizzi qallu li ried ibiddel serratura ta' bieb minnhom li tiegħu żam ċavetta Michael Mizzi anke wara li talabhielu lura.

Jgħid li kien mar ma' missieru fid-dar ta' residenza ta' Mizzi, fi Triq Santu Pietru, sabiex jibdlu din is-serratura iżda x'ħin ġie biex itaqqab mar id-dawl. Iżid li huwa ħaseb li kienet is-salvavita iżda Mizzi informah li hu dawl m'għandux għax kienu qatgħulu tal-Enemalta wara li Michael Mizzi ma kienx mar iħallas il-kontijiet tad-dawl u l-ilma li kien jgħaddilu. Jgħid li għalhekk kien spiċċa biex Michael Mizzi jagħtih id-dawl mid-dar tiegħu permezz ta' wajer li jaqsam l-isqaq ta' bejn id-dar ta' Giuseppe u dik ta' Michael. Jgħid li sabiex kompla bix-xogħol l-għada kien ħa miegħu *generator*.

Iżid li huwa ma kienx involut fil-kuntratt li sar bejn missieru u Giuseppe Mizzi. Jgħid li rigward dan jaf biss li missieru xtara xi proprjetà mingħand Mizzi bil-kondizzjoni li tiġi għandu wara mewt Mizzi. Jgħid li huwa semagħhom jinnegozjaw dan fil-garaxx ta' missieru f'aktar minn okkażjoni waħda. Iżid li kien jaf li kien hemm involuti d-dar residenzjali ta' Mizzi, għalqa fejn il-Knisja u għelieqi oħrajn. Jgħid li dawn in-negozjati damu għaddejjin aktar minn sena, qrib is-sentejn.

Iżid li qabel xtara hu, missieru kien regolarment jieħu n-nies lil Mizzi sabiex jixtru b'xi drabi anke raħ ma' Giuseppe stess u terzi fl-għalqa ta' maġenb il-Knisja peress li huwa kien mar joqgħod hemm meta żżewweġ fis-sena 2000.

Jgħid li missieru kien imur id-dar ta' Giuseppe jdewwilu ferita li kellu f'siequ u anke ġieli ħadu għand tabib.

Iżid li l-jumejn li għamel jaħdem għand Giuseppe sabiex irranġalu l-bibien u bidillu s-serratura kien ra ħafna ħmieġ f'dar Giuseppe. Iżid li fil-fatt f'ġurnata qrib dawk il-jumejn missieru kien mar inaddaf għand Giuseppe u huwa għenu jarmi xi xkejjer

mimlijin imbarazz li kien hemm fil-kamra fejn kien isajjar u jorqod għax kienu l-istess kamra.

**Martin Debrincat**, il-konvenut, xehed bil-proċedura tal-affidavit.[76] Jiddikkjara li lil Michael Mizzi kien ilu jafu b'dan li ġieli inkarigah b'xi xogħol ta' tiswijiet f'dar u fil-ħanut tiegħu u uliedhom kienu midħla ta' xulxin. Iżid li kien anke xtara għalqa mingħand l-istess Michael Mizzi u ommu, Maria.

Iżid li lill Giuseppe Mizzi kien jafu ferm qabel kien jaf lill Michael Mizzi b'missieru, flimkien miegħu, u Giuseppe ġieli ħadmu raba' flimkien u anke nnegozjaw flimkien.

Jgħid li Michael Mizzi mar minn jeddu għand l-avukat u fetaħ din il-kawża f'isem Giuseppe u dan kif qal Giuseppe stess fix-xhieda tiegħu.

Ikompli li fl-1991 Giuseppe u oħtu Maria biegħulu għalqa. Jgħid li fl-istess sena huwa laqqa' lil Giuseppe Mizzi ma' kaċċatur Malti, Johnny Vassallo, u dan krielu post bil-ġnien fuq quddiem.

Jgħid li fl-1995 mietet oħt Giuseppe bix-xogħol waqa' kollu fuq Giuseppe li kien għalhekk talbu sabiex jgħinu fix-xogħol tar-raba' u tal-annimali.

Iżid li fl-1999 Giuseppe għamel affidavit u ħalfu fil-Qorti, il-Belt, Malta.

Jiddikjara li huwa u Giuseppe kienu jmorru fil-post li huwa kellu l-Belt fejn kienu jfittxuhom Maltin li jiġu jkellmu lil Giuseppe sabiex jikrilhom għall-kaċċa jew insib jew anke sabiex

[76] Fol. 431 sa 436, b'dokumenti a fol. 437 sa 484.

ibegħelhom. Jgħid li lill Giuseppe ġieli anke rawh tobba f'dan il-post inkluż Dr. Anton Mifsud.

Jiddikjara li Giuseppe kien jgħid li Michael Mizzi kien midjun ma' xi nies, b'Giuseppe u oħtu kienu anke jsellfu l-flus lil Michael sabiex iħallas id-dejn. Iżid li Giuseppe baqa' jagħmel hekk anke wara mewt oħtu b'Michael qatt ma radd il-flus lura.

Jgħid li Giuseppe kien sar jiddependi minn Michael Mizzi għad-dawl elettriku għax tal-Enemalta kienu qatgħulu d-dawl mit-triq minħabba li ma kienx qed iħallas il-kontijiet. Jikkonferma dak li xehed ibnu rigward il-bdil tas-serratura, qtugħ tad-dawl, u użu tal-*generator* l-għada.

Iżid li Giuseppe kien talab lil Michael Mizzi jneħħi l-*cameras* mill-proprjetà tiegħu u għal dan il-għan kien saħansitra bagħat ittra legali tramite l-Avukat Edward Gatt.

Jiddikjara li Giuseppe kien ried ibigħ iżda jibqa' jgħix fil-proprjetà tul ħajtu. Jgħid li dan rid jagħmlu għax kien jibża' li ser ibigħulu l-proprjetà minn wara daru kif darba ġara. Jgħid li kien Giuseppe li ħajru jixtri hu l-proprjetà li kien ilu jipprova jbigħ lil diversi nies. Iżid li damu aktar minn sena u nofs jinnegozjaw sakemm fl-aħħar ftehmu li jagħtih għoxrin elf liri maltin (Lm 20,000) u almenu jħallih sa mill-ewwel jidħol ġol-għalqa ta' fejn il-Knisja. Jgħid iżda li Giuseppe ried jibqa' fil-proprjetà kollha, inkluż din l-għalqa, għal tul ħajtu u ried wieħed u għoxrin elf liri maltin (Lm21,000).

Jgħid li finalment huwa aċċetta u għalhekk kienu marru jkellmu lin-Nutar Pierre Falzon b'aktar tard reġgħu marru għand l-istess Nutar b'xi karti li kien talab lil Giuseppe. Iżid li wara madwar ġimgħa n-Nutar Falzon informahom li ser jagħmel il-kuntratt

in-Nadur, is-Sibt 30 ta' April, 2005. Jgħid li n-Nutar talab ukoll li jkun hemm preżenti tabib.

Ikompli li dakinhar tal-appuntament il-kuntratt sar wara li t-tabib u n-Nutar kellmu lil Giuseppe. Iżid li mbagħad in-Nutar qara l-kuntratt. Jgħid li wara dan huwa, quddiem it-tabib u n-Nutar għadda wieħed u għoxrin elf liri maltin (Lm21,000) fi flus kontanti lil Giuseppe u mbagħad iffirmaw il-kuntratt. Ikompli li wara xi żmien saru l-verifiki mill-periti mill-uffiċċju tat-taxxa u tħallset it-taxxa ta' fuq il-kuntratt.

Jiddikjara li fl-4 ta' Diċembru, 2006, fis-01:20 am, Michael Mizzi mar iħabbat fuq il-bieb tar-residenza tiegħu u beda jgħajjat u jheddu tant li martu għamlet rapport l-għassa.

Iżid li żmien wara Michael hedded li ser joqtlu u dan fil-preżenza ta' terzi inkluż l-Avukat tiegħu. Jgħid li dan ġara peress li Michael kien innegozja art ta' Giuseppe ma' ċertu Leli Cassar li kienet sa dakinhar diġà nxtrat minnu.

Jiddikjara li huwa kien bagħat ittra lill-mart u wlied Michael Mizzi sabiex jagħtuh iċ-ċwievet tal-fond numru 23/24, Triq Santu Pietru li huwa kien xtara mingħand Giuseppe u sabiex ma jibqghux jikru għelieqi li kienu issa tiegħu iżda dawn baqgħu ma tawhx iċ-ċwievet u baqgħu xorta jikrulu r-raba'. Jgħid li għamlu hekk għax għandhom testment li sar fil-12:15 am billejl sbieħ il-Ħadd 31 ta' Mejju b'ċertifikat tat-tabib li mhux miktub bl-idejn u li ġie insinwat fil-jum li kien miet Giuseppe Mizzi.

**B'affidavit ulterjuri,**[77] iddikjara li Giuseppe Mizzi kellu esperjenza fuq kuntratti ta' bejgħ ta' proprjetà tant li ffirma

[77] Fol. 492, b'dokumenti annessi a fol. 493 sa 536.

diversi. Iżid li fil-kuntratt in mertu kif ppreżentat mal-affidavit preċedenti tiegħu hemm paragrafu ingassat, b'dan ġie ingassat min-Nutar peress li l-art hemm imsemmija kienet diġà nbieghet minn Giuseppe qabel.

**L-Avukat Dr Edward Gatt**, xehed bil-proċedura tal-affidavit.[78] Jiddikjara li fil-5 ta' April, 2005 kien mar l-uffiċċju tiegħu, il-Mosta, Martin Debrincat minn Għawdex. Jgħid li dan informah li miegħu kellu lil Giuseppe Mizzi li kien inkwetat għax kellu kwistjoni ma' ġar tiegħu, ċertu Michael Mizzi. Iżid li Giuseppe qallu li kien aġitat ferm minħabba li l-ġar tiegħu għamillu xi *cameras* ġod-dar tiegħu liema *cameras* huma mqabbdin ma' *monitor* li jinsab fid-dar ta' dan il-ġar Michael Mizzi.

Jiddikjara li għalhekk kiteb lill-Ispettur tal-Għassa tal-Pulizija ta' Għawdex sabiex jieħu l-passi meħtieġa.

Iżid li Giuseppe kien informah li l-għada kellu jmur il-Belt biex jieħu l-kura u li dak il-lejl kien ser jibqa' Malta ma' Martin Debrincat.

**In kontroeżami**[79] jgħid li lill Martin Debrincat jafu u jqisu ħabib stante li għandhom relazzjoni twila.

Jgħid li jiftakar lil Giuseppe Mizzi agitat dakinhar li qallu bil-kwistjoni tal-*cameras* u talbu jagħmillu kwerela sabiex il-pulizija tkellem lil Michael Mizzi. Jgħid li lill Mizzi kien rah drabi qabel meta Debrincat kien ikun l-uffiċċju għandu u Mizzi kien ikun miegħu iżda kien jibqa barra fil-vann. Iżid li jaħseb li kien biss dakinhar li kellmu fuq il-*cameras* li niżel mill-vann u daħal

[78] Affidavit a fol. 537 kif rimpjazzat tenut kont ta' żball f'data hemm dikjarata b'verżjoni identika, għajr għad-data rettifikata, a fol. 540.
[79] Mogħtija fl-udjenza tal-24 ta' Mejju, 2022. Traskrizzjoni mingħajr paġinazzjoni.

għandu. Jiċċara li qallu Miziz stess bil-*cameras* u sabiex iħejjilu kwerela.

Iżid li ma jafx dettalji dwar il-*cameras* għajr li Giuseppe kien qallu li jagħtu għad-dar tiegħu u li kienu qed idejquh.

Iżid li wara dan huwa kien kellem lill-Għassa tar-Rabat, Għawdex u ġie informat li l-pulizija marru kellmu lil Michael Mizzi però kif baqgħu ma jafx. Iżid li lil Giuseppe Mizzi ma reġax rah minn dakinhar 'il quddiem.

**In rieżami**[80] jiċċara li l-ġar kien Michael Mizzi.

**Il-Qorti rat ukoll ir-rapport datat il-31 ta' Mejju, 2010 redatt mill-espert kalligrafu Joseph Gaffiero li ġie maħtur minnha sabiex jirrelata dwar il-firma allegatament tal-attur Giuseppe Mizzi fuq l-att ta' kompravendità tat-30 ta' April, 2005 in atti Nutar Pierre Falzon u dokumenti relattivi oħrajn preżenti fil-proċess.**[81]

F'dan ir-rapport tiegħu, l-espert kalligrafu jiddikjara li sabiex jeżamina u jagħmel studju komparattiv tal-firem li jidhru fuq id-dokument "B" mehmuż mar-rikors ġuramentat—l-att ta' kompravendità tat-30 ta' April, 2005 in atti Nutar Pierre Falzon[82]—huwa ġabar sitt (6) firem ta' Giuseppe Mizzi fl-Awla tal-Qorti ta' Għawdex.

Iżid li wara dan huwa mar għand in-Nutar Pierre Falzon sabiex jiġbor l-oriġinal tal-att in kwistjoni fejn ingħata wkoll kopja fotostatika ta' konferma tat-tabib Anton Mifsud li ċċertifika li

[80] A fol. 3 tat-traskrizzjoni.
[81] Espert mahtur skont il-verbal a fol. 186 rapport a fol. 256 sa 259, b'dokumenti annessi a fol. 259 sa 272.
[82] Att a fol. 8 sa 13.

Giuseppe Mizzi kien fi stat mentali tajjeb sabiex jagħmel kuntratt pubbliku.

Jiddikjara li meta eżamina l-firem li jidhru fuq paġni 6 u 7 tal-att u qabbilhom mal-kampjuni li huwa ġabar mingħand Giuseppe Mizzi sab is-segwenti:

1. Giuseppe Mizzi, sew minħabba l-età u anke peress li ma jidhirx li huwa mdorri jiffirma ta' spiss isib diffikultà sabiex jiffirma bir-riżultat li huwa jmur għall-firma sintesizzata bħala "Gos Mizzi" li tirriżulta mregħda u b'ħafna skossi.

2. Minkejja dan il-formazzjoni tal-ittri u l-gonġituri bejniethom, l-ispazju bejn l-isem u l-kunjom, kif ukoll l-inklinazzjoni, l-aspett ġenerali, u l-aħħar daqqa li jagħti bħala tikka ta' fuq l-ittri "i" ta' "Mizzi" jikkonfermaw li l-firem li jidhru fuq l-att in mertu huma tassew ta' Giuseppe Mizzi.

3. Bl-istess mod, il-firem li jidhru fuq l-wegħda ta' bejgħ tal-porzjon raba' "Ta' Nawrata" bejn Giuseppe Mizzi u Joseph Portelli għandhom l-istess forma, bixra u tifsila u huma identiċi għall-firem l-oħra eżistenti fl-ewwel kuntratt.

Jannetti l-oriġinal tal-konvenju tat-30 ta' Diċembru, 2005,[83] dokument li fuqu ġabar sitt (6) firem mingħand Giuseppe Mizzi sabiex ikun jista' jesplicita l-inkarigu tiegħu,[84] kopja fotostatika taċ-ċertifikat mediku rilaxxat mit-tabib Anton Mifsud fejn jgħid li eżamina lil Giuseppe Mizzi, sabu fil-pieni poteri mentali sabiex jidher fuq att pubbliku—inkluż dakinhar stess li ffirma l-

[83] Fol. 259 sa 260.
[84] Fol. 261.

att in mertu—u anke kien preżenti waqt il-kuntratt,[85] u kopja fotostatika tal-att ta' kompravendità tat-30 ta' April, 2005 in atti Nutar Pierre Falzon.[86]

Jikkonkludi billi jikkonferma li l-firem ta' Giuseppe Mizzi huma ġenwini kull fejn jidhru u m'hemm ebda falsifikazzjoni.

## Ċ. Ikkunsidrat:

### Preliminari:

B'din il-kawża l-attur oriġinali, id-defunt Giuseppe Mizzi, talab lil din il-Qorti sabiex tiddikjara l-att ta' kompravendità tat-30 ta' April, 2005 in atti Nutar Pierre Falzon bħala null u ineżistenti u għalhekk mingħajr ebda effett fil-Liġi u dan fuq allegazzjoni li huwa qatt ma resaq għal dak il-kuntratt u għalhekk, l-istess kuntratt huwa nieqes mill-elementi essenzjali tal-kunsens u l-kawża.

Talab għalhekk lill-Qorti sabiex tordna r-rexissjoni u revoka ta' l-istess kuntratt inkluż billi tagħti dawk il-provvedimenti kollha li jkunu xierqa u opportuni.

Il-konvenut Martin Debrincat laqa' għal dan b'diversi eċċezzjonijiet inkluz tnejn preliminari: (i) dik inkluża fir-risposta ġuramentat oriġinali tiegħu rigward in-nuqqass ta' integrità tal-ġudizzju stante l-mankanza ta' martu fil-proċeduri meta din dehret fuq l-att pubbliku kkontestat, u; (ii) dik ulterjuri mressqa aktar tard bl-awtorizzazzjoni tal-Qorti rigward in-nuqqas ta' legittima kontradittorjetà tal-atturi sussegwenti dak

[85] Fol. 262.
[86] Fol. 265 sa 272.

oriġinali—l-atturi li f'isimhom ġie trasfuż il-ġudizzju wara l-mewt tal-attur oriġinali.

Laqa' wkoll billi ressaq eċċezzjonijiet addizzjonali fil-mertu li, in succinct, iridu li l-att ta' kompravendità kkontestat huwa validu stante li ġie ppublikat wara li ġew segwiti u mwettqa l-formalitajiet kollha rikjesti mil-Liġi, u bil-kunsens speċifiku ta' l-attur oriġinali Giuseppe Mizzi.

Per konsegwenza tal-eċċezzjoni preliminari kontenuta fir-risposta ġuramentata oriġinali tal-konvenut Martin Debrincat ġiet kjamata fil-kawża martu Doris Debrincat li ressqet l-istess eċċezzjonijiet fil-mertu bħalma tressqu minn żewġha l-konvenut. Il-kjamata fil-kawża ressqet ukoll l-eċċezzjoni ulterjuri rigward il-legittima kontradittorjetà tal-atturi sussegwenti dak oriġinali u dan flimkien ma' żewġha permezz ta' risposta ġuramentata ulterjuri li saret minnhom konġuntivament.

**Ikkunsidrat Ulterjorment:**

Qabel xejn, il-Qorti sejra tiddisponi mill-eċċezzjonijiet preliminari mqajma mill-konvenut u mill-kjamata fil-kawża martu.

L-eċċezzjoni preliminari mqajma mill-konvenut fir-risposta ġuramentata oriġinali tiegħu rigward in-nuqqass ta' integrità tal-ġudizzju stante l-mankanza ta' martu fil-proċeduri odjerni meta din kienet dehret fuq l-att pubbliku kkontestat ġiet sorvolata billi fil-fatt ġiet kjamata fil-kawża l-istess martu, tant li dina ressqet kemm risposta ġuramentata tagħha kif ukoll ir-risposta ġuramentata ulterjuri konġuntivament mal-konvenut.

Minn naħa l-oħra, l-eċċezzjoni preliminari ulterjuri mqajma kemm mill-konvenut kif ukoll mill-kjamata fil-kawża rigward in-nuqqas ta' legittima kontradittorjetà tal-atturi sussegwenti dak oriġinali ġiet sorvolata permezz tad-deċiżjoni numru 94/2010 mogħtija minn din il-Qorti kif diversament presjeduta nhar l-14 ta' Ottubru, 2014 fl-ismijiet *Michael Mizzi et vs Martin Debrincat et* u kkonfermata fl-Appell nhar is-27 ta' Marzu, 2020. Bid-deċiżjoni msemmija ġie dikjarat inveritier u li ma jirriflettix il-volontà proprja ta' Giuseppe Mizzi affidavit allegatament rilaxxat minnu nhar l-10 ta' Ġunju, 2009—waqt li din il-kawża kien għadha tinstema' minn din il-Qorti—li kien il-bażi tal-eċċezzjoni preliminari ulterjuri.

Infatti, talba magħmula konġuntivament mill-partijiet ftit wara li tressqet l-eċċezzjoni preliminari ulterjuri mill-konvenut u l-kjamata in kawża sabiex tingħata deċizjoni in parte fuq l-eċċezzjoni tal-leġittima kontradittorjetà ġiet segwita b'talba għas-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza in parte sakemm ingħatat id-deċizjoni numru 94/2010 bil-lum ma baqax neċessità għall-istess stante li l-bazi tagħha—l-affidavit tal-10 ta' Ġunju, 2009—ġie definittivament dikjarat inveritier permezz tad-deċiżjonijiet suċitati.

Jibqa' għalhekk li dina l-Qorti tindaga t-talbiet tal-atturi—issa kostitwiti bħala Annunziata sive Nancy Mizzi, u l-aħwa Sina u Jacob Mizzi—fid-dawl tal-eċċezzjonijiet fil-mertu tal-konvenut u l-kjamata in kawża.

Jeħtieġ, qabel xejn, li din il-Qorti tagħmel daqxejn ta' riassunt tar-retroxena inkluż tal-materja li wasslet għal din l-istanza:

Nhar it-30 ta' April 2005, sar att ta' kompravendità relattivi għad-dar ta' residenza tal-attur oriġinal Giuseppe Mizzi, ossia d-dar numru 32/24, Triq Santu Pietru, l-Għarb, Għawdex u diversi porzjonijiet ta' art (erbatax[14]-il biċċa mnissla fl-att in mertu, b'porzjon li kien hemm deskritt fil-paragrafu (e) tal-att in mertu ġie ingassat[87] tant li ma tirriżultax imbagħad fid-dikjarazzjoni tan-Nutar a fol. 470 — *retro pagina* — sa 471 — inkluż *in retro pagina*).

Dan l-att ta' kompravendità kien monit b'parti (nota) miktuba bl-id min-nutar li ppublikah, ossia n-Nutar Pierre Falzon[88] kif ukoll ċertifikat mediku rilaxxat mit-Tabib Dr. Anton Mifsud dakinhar stess li sar l-att in mertu.[89]

In-nota tan-Nutar Falzon tidher li trid li dak li fuq l-att deher bħala l-venditur, ossia, l-attur oriġinali Giuseppe Mizzi, kellu jżomm il-pussess tal-immobbli hemm trasferiti *vita durante*. Għalkemm din il-ktiba mhijiex ċara ħafna għal-Qorti, ma jidhirx li hemm diżgwid fuq dan tant li l-atturi jaqsmu l-istess interpretazzjoni fin-nota tal-osservazzjonijiet tagħhom.

Minn naħa l-oħra, iċ-ċertifikat tat-Tabib Dr. Anton Mifsud mhux biss jikkonferma li Giuseppe Mizzi nstab *pjenament fi stat mentali tajjeb u li jista jezercita l-fakoltà tiegħu sabiex jagħmel kuntratt pubbliku quddiem nutar* iżda; it-Tabib jiddikjara wkoll li *erġajt eżaminajtu* — lil Giuseppe Mizzi — *qabel il-kuntratt u li kont preżenti waqt il-kuntratt*.

[87] Ref. att ta' kompravendità in mertu kif jidher mar-rikors ġuramentat a fol. 8 sa 13, mar-rapport tal-espert kalligrifu a fol. 265 sa 270, u b'mod aktar komplet ma' affidavit tal-konvenut a fol. 456 sa 465. Ara wkoll l-affidavit tal-konvneut a fol. 492.
[88] Ref. *inter alia*, a fol. 466 tal-proċess.
[89] Ref. *inter alia*, a fol. 468 tal-proċess.

Jirriżulta li l-att in mertu ġie insinwat nhar it-13 ta' Lulju, 2005 bin-numru 13713/05.

Aktar minn sena wara li sar u ġie insinwat dan l-att, ossia fid-19 ta' Diċembru, 2006[90] ġiet intavolata l-kawża odjerna.

Rilevanti l-fatt li jirriżulta mill-provi prodotti li l-attur oriġinali Giuseppe Mizzi ma kienx ġdid għall-kuntratti ta' kompravendità tant li ġew esibiti varji kuntratti li deher fihom ma' żewġ (2) affidavits rilaxxati mill-konvenut.[91]

Fost dawn il-kuntratti ta' kompravendità oħrajn li fihom deher l-attur oriġinali Giuseppe Mizzi hemm dak tat-30 ta' Settembru, 1991 (a fol 443 tal-proċess) fejn l-istess Mizzi flimkien ma' oħtu Maria—kif rapprezentati minn ċertu Reginald Delicata—biegħu porzjon art lill-istess konvenut Martin Debrincat.

Dan magħdud, bil-kawża odjerna l-attur oriġinali, u l-atturi li ġie sussegwentement trasfuż il-ġudizzju f'isimhom, qed jikkontestaw il-validità tal-att ta' kompravendità tat-30 ta' April, 2005 in atti Nutar Pierre Falzon fuq allegazzjoni ta' nuqqas ta' żewġ elementi essenzjali għal kull kuntratt, ossia: il-kunsens **u** l-kawża.

**Rigward il-kunsens**, l-Artikolu 974 tal-Kodiċi Ċivili, Kap. 16, tal-Liġijiet ta' Malta, jistipula:

> **974.** *Jekk il-kunsens ikun ġie mogħti bi żball, jew meħud bi vjolenza, jew b'għemil doluż, ma jkunx jiswa.*

[90] Ref. timbru tar-Reġistru tal-Qorti a fol. 1 tal-proċess.

[91] Ref. dokumenti annessi mal-affidavit tal-konvenut a fol. 431 et seq u dak addizzjonali a fol. 492 et seq.

L-atturi f'din l-istanza jonqsu milli jindikaw b'liema mod, skonthom, kien vizzjat il-kunsens ossia; jekk dan kienx mogħti bi żball, jew kienx meħud bi vjolenza jew b'għemil doluż.

Li jingħad biss fir-rikors promotur huwa li Giuseppe Mizzi qatt ma deher quddiem in-Nutar Pierre Falzon sabiex jagħmel l-att in kontestazzjoni u qatt ma rċieva l-ħlas dikjarat fl-istess att.

Ta' rilevanza assoluta hawnhekk hija t-testimonjanza li laħaq tal-attur oriġinali Giuseppe Mizzi f'dawn il-proċeduri kif ukoll dik tan-Nutar li dderieġa l-att in kontestazzjoni, it-tabib li rrilaxxa ċ-ċertifikat relattiv għall-istess u kien preżenti għall-pubblikażżjoni tal-kuntratt, kif ukoll il-kronoliġija tal-fatti u r-rapport tal-espert kalligrafu.

Din il-Qorti kellha x-xorti li tilħaq lill-attur Giuseppe Mizzi ħaj b'dan li l-istess irrilaxxa affidavit u ta t-testimonjanza tiegħu quddiemha, inkluż in kontroeżami.

Mill-istess affidavit u testimonjanza tal-attur Giuseppe Mizzi ma tirriżulta ebda allegazzjoni ta' vjolenza fil-konfront tiegħu, inkluż da parti tal-konvenut jew familtu. Anqas ma tirrizulta allegazzjoni ta' żball stante li l-attur oriġinali Giuseppe Mizzi imkien ma jgħid li tal-kunsens tiegħu taħt xi impressjoni żbaljata li tista' twassal għan-nullità tal-kuntratt ai termini tal-Artikoli 975 u 976 tal-Kodiċi Ċivili. Jinsisti biss li huwa lill-konvenut qatt ma' biegħlu xejn u li quddiem in-Nutar Pierre Falzon qatt ma deher sabiex jagħmel l-att in kontestazzjoni.

Jirriżulta wkoll li Giuseppe Mizzi kien raġel anzjan li sab ruħu waħdu wara mewt oħtu u li f'idejh kellu ammont ta' proprjetà immobbli konsiderevoli.

Jirriżulta ulterjorment li l-istess Giuseppe Mizzi seta' kien propens li jikkuntratta u żmien wara jinsa li jkun ikkuntratta, partikolarment peress li minn testimonjanzi ta' xhieda indipendenti jirriżulta li dan dejjem xtaq li jżomm il-pussess tal-proprjetajiet immobbli tiegħu f'idejh, inkluż jekk jikkuntratta l-bejgħ tagħhom u jirċievi l-ħlas għall-istess, tant li hekk sar bl-att in kontestazzjoni. Infatti, anke fix-xhieda tiegħu stess mogħtija quddiem il-Qorti fl-2008 (a fol. 78 et seq) xehed li huwa lill-konvenut Martin Debrincat qatt ma biegħlu xejn. Dan meta din il-Qorti hija monità bl-att ta' kompravendità tat-30 ta' Settembru, 1991 li juri li fil-fatt kien ċertament biegħlu porzjon art qabel.

Jirriżulta wkoll li Giuseppe Mizzi seta' kien it-tip li f'illi sewwa ma' xi ħadd u filli le. Dan huwa ċar mix-xhieda tal-Avukat Dr. Edward Gatt rigward ittra mibgħuta minnu f'isem Giuseppe Mizzi rigward azzjonijiet tal-attur sussegwenti Michael Mizzi (il-kwistjoni tal-*cameras*) iżda wkoll mill-fatt li huwa ċar mill-atti li Giuseppe Mizzi kien ċertament qabel seħħ l-att in kontestazzjoni jikkuntratta mal-konvenut Martin Debrincat[92] u anke ħalla lill-istess idewwilu siequ meta dan kien neċessarju[93] iżda wara forsi bidel fehmtu dwar l-istess Martin Debrincat.

Meta tgħarbel it-talbiet atturi u l-provi prodotti quddiemha, din il-Qorti tasal għalhekk għall-konvinċiment li l-vizzju fil-kunsens reklamat mill-attur oriġinali Giuseppe Mizzi huwa reklamat abbażi ta' għemil doluż. B'dan li hawn il-Qorti tirreferi

[92] Ref. xhieda tal-attur Giuseppe Mizzi permezz tal-affidavit a fol. 39 et seq kif ukoll in eżami a fol. 78 et seq fejn jgħid li lill-konvenut kien ibigħlu l-ġobon bil-konvenut kien ukoll iressaqlu persuni sabiex iqabblilhom ir-raba', kif ukoll l-att ta' kompravendità tat-30 ta' Settembru, 1991 a fol 443 et seq.
[93] Ref. xhieda tal-attur Giuseppe Mizzi permezz tal-affidavit a fol. 39 et seq kif ukoll in eżami a fol. 78 et seq.

wkoll għall-affidavit rilaxxat mill-attur oriġinali Giuseppe Mizzi a fol. 39 et seq tal-proċess fejn dan jiddikjara testwalment li l-att in kontestazzjoni huwa *frott ta' qerq u [i]ngann.*

F'dan ir-rigward il-Qorti tagħmel referenza għall-Artikolu 981 tal-Kodiċi Ċivili, Kap. 16, tal-Liġijiet ta' Malta, li jistipula:

> **981.** *(1) L-għemil doluż huwa motiv ta' nullità tal-ftehim, meta l-inganni magħmulin minn waħda mill-partijiet ikunu tali illi mingħajrhom il-parti l-oħra ma kenitx tikkuntratta.*
>
> *(2) L-għemil doluż ma jistax ikun preżunt, imma għandu jiġi ppruvat.*

Skont l-awtur Chardon:

*Il dolo e l'arte d'ingannare la persona che taluno vuole spogliare della di lei sostanza.*[94]

Fid-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Appell nhar it-3 ta' Diċembru, 1919 fl-ismijiet ***Galea vs Zammit***[95] ingħad illi:

> *I seguenti sono principi cardinali consacrati dalla giurisprudenza intorno al dolo in materia civile:*
>
> *(1) Il mantenimento dei contratti e' di interesse generale, perche' e' principio d'ordine pubblico e di pubblica economia che i titoli di proprieta' sian fermi e stabili: siffata considerazione impone che nella causa d'impugnazione di contratto per vizio di consenso si proceda colla massima circospezione perche' non si abbia ad annullare un atto che dovrebbe rimanere in vigore.*

---

94 Tratto del Dolo e della Frode, 1835, Vol. I, Pag. 7.
95 Kollez. Vol. XXIV.I.203

*(2) I principi che regolano il dolo si devono applicare con maggior rigore quando trattasi di un atto a titolo gratuito che quando trattasi di un contratto a titolo oneroso (Laurent XI,127).*

*(3) A provare il dolo bastano gli indizi e le congetture, purche' siano gravi e concordanti, si da generare la convinzione che la liberalita' o il contratto impugnato e' stato l'effetto dei raggiri usati dall'altra parte o da terzi.*

Fid-deċiżjoni mogħtija mil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nhar il-31 ta' Jannar, 2003 fl-ismijiet ***Camilleri vs Cachia et*** saret referenza għal ġurisprudenza:

*(a) A costituire i raggiri non basterebbe il fatto di un predominio acquistato ed esercitato da una persona sull'altra per indurla al contratto, ma occorre un'elemento specifico costituito dalle false rappresentazioni, dagli artifizi fraudolenti, dallo inganno, usati quale mezzo per raggirare la scarsa intelligenza dell'altro contraente – "Giovanni Farrugia Gay -vs- Emanuele Farrugia Gay", Prim' Awla, Qorti Civili, 3 ta' Mejju 1921 (Vol. XXIV P II p 578);*
*(b) I raggiri usati da uno dei contraente sono stati tali che senza di essi l'altra parte non avrebbe contratto - "Terese Galea -vs Salvatore Bonnici" a Vol. X pagna 592. Fi kliem iehor l-ingann irid ikun il-kawża determinanti li ta lok għal ftehim li ghaqqad in-negozju ("Alice Cassar Torreggiani -vs- Albert R. Manche'", Appell Civili, 17 ta' Marzu 1958 (Vol. XLII P I p 126);*
*(c) Kif stabbilit fis-subinċiż (2) għall-Artikolu 981, id-dolo jew frodi ma huwa qatt preżunt iżda jrid jiġi pruvat minn min jallegah. Trid allura ssir il-prova li parti waħda użat "scienter" raggiri frawdolenti u artifizji li kienu gravi ("Joseph Mifsud nomine -vs- Paul Tanti" u "Josephine mart Francis Galea -vs-*

*Perit Walter Caruana Montaldo", iz-zewg kawżi deċiżi rispettivament fl-4 ta' Frar 1965 u s-16 ta' Dicembru 1970)."*

Fid-deċiżjoni mogħtija nhar is-16 ta' Diċembru, 1970 fl-ismijiet ***Galea et vs Caruana Montaldo*** ngħad ukoll illi:

> *...id-dolo jirnexxi meta ma jħallix il-vittma żmien u ħsieb biex jirreżisti, anzi jneħħi minn moħħu l-iċken idea li hemm bżonn ta' rezistenza u garanzija iktar minn dik prestata mill-persuna tal-kontraent l-ieħor u tal-fiduċja riposta fiha.*

Fid-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Appell nhar il-31 ta' Marzu, 1967 fl-ismijiet ***Zammit et vs Farrugia et*** kien preċiżat illi:

> *Biex azzjoni simili tirnexxi jrid qabel xejn jiġi ppruvat li kien hemm dolo da parti ta' wieħed mill-kontendenti. Il-prova tad-dolo, il-liġi tgħid espressament, trid issir minn min jallegah, u l-intenzjoni li tqarraq hi essenzjali għax id-dritt modern ma jammettix dolo oġġettiv 'in re ipsa' hi espressa fil-kliem tal-artikolu 1024 tal-Kodici Civili, 'inganni maghmulin minn wahda mill-partijiet.' Illi fit-test Taljan ta' l-artikolu u 687 tal-Ordinanza Nru. VII tal-1868 kienu "raggiri usati da uno dei contraenti.*

Fid-deċiżjoni tal-Prim'Awla mogħtija nhar l-20 ta' Marzu, 2003 fl-ismijiet ***Aquilina et vs Ellul*** kif ukoll f'dik mogħtija mill-istess Qorti nhar it-28 ta' Lulju, 2004 fl-ismijiet ***Portelli et vs Felice***, il-Qorti elenkat l-erba' (4) elementi li huma meħtieġa sabiex il-qerq jivvizzja l-kunsens bħala:

a) illi jitħaddmu mezzi jew atti qarrieqa, u allura l-intenzjoni li parti tqarraq bil-parti l-oħra;

b) illi l-atti jkunu fihom infushom gravi;
ċ) illi jkunu determinanti biex isir il-kuntratt;
d) illi l-qerq ikun seħħ bil-parteċipazzjoni, attiva jew passiva, tal-parti l-oħra.

L-awtur Laurent jgħid hekk:

> *Ogni vizio del consenso e' individuale e deve essere valutato dal punto di vista della persona che contratta. Il magistrato deve mettersi al posto di quella per determinare l'influenza che i fraudolenti raggiri hanno potuto esercitare sull'animo di lui.*[96]

Applikat dawn il-prinċipji għall-każ odjern, din il-Qorti rat li l-att ta' kompravendità in kontestazzjoni seħħ nhar it-30 ta' April, 2005 fil-preżenza tan-Nutar li ppubblikah, ossia n-Nutar Pierre Falzon, kif ukoll tat-Tabib Dr Anton Mifsud.

Dawn iż-żewġ individwi t-tnejn xehdu quddiem din il-Qorti.

In succinct, in-Nutar Falzon spjega[97] li:

a) il-partijiet fl-att tat-30 ta' April, 2005 kienu Giuseppe Mizzi u Martin Debrincat;
b) Giuseppe Mizzi kien iltaqa' miegħu xi tliet (3) darbiet oħra qabel ma sar dan l-att u dan peress li ġieli mar għandu sabiex ikellmu rigward kiri ta' art li kellu u kien anke mlielu dokument għal tibdil fl-indirizz;
ċ) dwar l-att in mertu ma' Giuseppe Mizzi tkellem xi darbtejn qabel ħejja l-abbozz inkluż meta Mizzi qallu li ried jittrasferixxi l-proprjetà iżda ried li jzomm dritt ta' użu *vita durante* fuq l-istess;

[96] Principi di Diritto Civile, Vol. XV, pag. 463, para. 524.
[97] In eżami a fol. 304 sa 309, in kontroeżami, rieżami u kontroeżami ulterjuri a fol. 309 sa 313.

d) sabiex abbozza l-att in mertu huwa rrefera għal dikjarazzjoni *causa mortis* li kien għamel Giuseppe Mizzi;
e) kemm il-partijiet kontraenti kif ukoll it-Tabib Dr Anton Mifsud kienu personalment preżenti meta sar l-att in mertu bit-Tabib kien hemm fuq talba tan-nutar tenut kont l-età ta' Mizzi u n-natura tal-att iżda anke peress li n-Nutar ried li kollox isir kif suppost;
f) Giuseppe Mizzi ffirma l-att in mertu huwa stess;
g) Giuseppe Mizzi deher li fehem l-att in mertu wara li dan ġie spjegat lilu;
h) il-flus tħallsu f'kontanti dak il-ħin stess b'Giuseppe Mizzi għadd il-kontanti kollha.

Dr Anton Mifsud[98] għaraf il-kopja taċ-ċertifikat mediku rilaxxat minnu fit-30 ta' April, 2005[99] u spjega li:

a) L-istess ċertifikat kien irrilaxxah meta attenda għall-publikażżjoni tal-att in mertu fin-Nadur, Għawdex, u wara li vverifika li Giuseppe Mizzi kien għadu fi stat mentali tajjeb kif kien jafu qabel;
b) lil Giuseppe Mizzi kien ilu jafu xi sena u dan għaliex meta kien imur jara lit-tifel ta' Martin Debrincat fil-Belt, Malta, kien ikun hemm Giuseppe Mizzi u huwa kien jaralu siequ għax kellha ferita;
ċ) huwa baqa' preżenti tul il-proċess kollu tal-pubblikażżjoni tal-att.

Minn imkien mix-xhieda tan-Nutar Falzon jew it-Tabib Mifsud ma jirriżulta li seta' kien hemm atmosfera ta' tħassib waqt il-proċess ta' pubblikażżjoni tal-att in mertu. Anqas ma jirriżulta

[98] In eżami a fol. 332 sa 336 u in kontroeżami a 336 sa 338.
[99] Ċertifikat a fol. 262.

li l-att in mertu seħħ taħt ċirkostanzi suspettużi li setghu forsi jwasslu għal tħassib li kien hemm għaddejja xi raġġiri. L-attur oriġinal Giuseppe Mizzi stess ma jirrakkonta xejn minn dan, jgħid biss li huwa qatt ma deher għall-att in mertu, xhieda li tmur dijametrikament opposta għal dik mogħtija minn Nutar Falzon u t-Tabib Mifsud.

Dan magħdud, u bil-prinċipju kardinali li att bħal dan in mertu huwa wieħed ta' ordni pubbliku li m'għandux għalhekk jiġi annullat leġġerment; sabiex tirnexxi kawża bħal din, din il-Qorti tnissel is-segwenti elementi li jridu jiġu ppruvati u dan, skont id-dottrina u ġurisprudenza suċitata:

a) huwa neċessarju għemil doluż tali li jaffetwa l-intelliġenza tal-kontraent l-ieħor, u li mingħajru ma kienx l-istess kontraent jasal li jikkuntratta;

b) skont is-subinċiż (2) tal-Artikolu 981 suċitat jeħtieġ li d-dolo jkun pruvat minn min jallegah, stante li dan ma jista' qatt ikun preżunt, bl-intenzjoni li tqarraq hi essenzjali;

ċ) d-dolo jirriżulta eżistenti biss meta ma jħallix lill-vittma żmien u ħsieb sabiex tirreżisti.

Tenut kont tal-fatt li, kif diġà ngħad, ġie sodisfaċjentement ippruvat li l-attur oriġinali Giuseppe Mizzi kien midħla ta' atti ta' trasferiment u seta' anke kien propens jinsa li trasferixxa, tant li nesa li kien diġà trasferixxa porzjon art lill-konvenut lura fl-1991 (att a fol 443 et seq) u, għal darb'oħra, jidher li nesa li kien trasferixxa waħda mill-artijiet li tidher ingassata fl-att in

kontestazzjoni tant li din kienet oriġinarjament inkluża fl-att in mertu u ġiet aktar tard ingassata.[100]

Tenut ukoll kont tal-fatt li l-att in mertu ġie debitatament insinwat, bit-taxxa mħallsa fuqu (ref. dokumenti a fol. 470 sa 472).

Tenut kont ukoll tal-fatt li b'testment tal-31 ta' Mejju, 2009, li allura sar ftit biss 'il fuq minn xahar qabel miet l-attur oriġinali Giuseppe Mizzi—li miet fl-10 ta' Lulju, 2009—l-atturi l-oħra Michael Mizzi u wliedu Sina u Jacob Mizzi ġew istitwiti eredi universali tal-beni tiegħu u ħadd minnhom ma deherlu jikkontesta l-veraċità u validità ta' tali testment. B'dawn allura aċċettaw il-kapaċità tal-istess Giuseppe Debono f'li jikkuntratta rigward proprjetà tiegħu.

Din il-Qorti tasal għall-konvinċiment morali li f'dan il-każ, l-ebda għemil doluż, wisq anqas għemil doluż tali li jolqot l-elementi hawn aktar 'il fuq imnissla, ma ġie sodisfaċjentement ippruvat mill-atturi li kienu mtaqqla b'dan il-kompitu.

Din il-Qorti, għalkemm ħadet ħsieb li bl-ebda mod ma tirreferi għall-affidavit rilixxat mill-attur oriġinali Giuseppe Mizzi nhar l-10 ta' Ġunju, 2009—a fol. 199 tal-proċess—anqas ma' tista tqie li l-konsiderazzjonijiet magħmula fir-rigward tiegħu (inkluż mill-Qorti tal-Appell) isibu applikażzjoni fir-rigward tal-att hawn in mertu. Dan stante li filwaqt li l-istess affidavit—kif issa dikjarat mill-Qrati nostrani bħala inveritier—seħħ lejn l-aħħar ta' ħajjet l-attur oriġinali Giuseppe Mizzi meta dan kien rikoverat bid-deni għoli u b'mard serju fl-Isptar Ġenerali ta'

[100] Ref., *inter alia*, l-ingassazzjoni li tidher fil-varji kopji tal-att in mertu, in atti, kif ukoll l-affidavit ulterjuri tal-kovnenut a fol. 492.

Għawdex, l-att in mertu sar kważi erba' (4) snin qabel fejn il-konsiderazzjonijiet li wasslu għalihom il-Qrati rigward l-imsemmi affidavit ma kinux prevalenti.

Il-Qorti tosserva wkoll li tul l-andament tal-kawża saru diversi insinwazzjonijiet—inkluż fin-nota tal-osservazzjonijiet tal-atturi—rigward l-għażla tan-Nutar Pierre Falzon għall-ippubblikar tal-att in mertu. F'dan ir-rigward, din il-Qorti tgħid biss li finalment l-għażla tan-Nutar hija normalment prerogattiva għall-kompratur. F'kull każ, jidher ukoll li l-attur Giuseppe Mizzi kellu xi tip ta' relazzjoni professjonali man-Nutar Falzon tant li kien anke talbu jimlielu l-formula għall-bdil fl-indirizz—xi ħaġa oħra li l-istess attur Mizzi kien inkonsistenti fir-rigward tul ix-xhieda tiegħu.

Rigward il-fatt li din il-Qorti hija rinfaċċjata b'xhieda konfliġġenti fejn l-attur oriġinali Giuseppe Mizzi jgħid li ma attendiex għall-ippubblikar tal-att in mertu quddiem in-Nutar Pierre Falzon mentri l-istess Nutar u t-Tabib Dr Anton Mifsud jgħidu li huwa kien preżenti in persona, din il-Qorti tqis is-segwenti:

Fid-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Appell nhar l-24 ta' Marzu, 2004 fl-ismijiet ***Xuereb vs Gauci et*** ġie ritenut li:

> *Huwa paċifiku f'materja ta' konflitt ta' versjonijiet illi l-Qorti kellha tkun gwidata minn żewġ prinċipji fl-evalwazzjoni tal-provi quddiemha:*
>
> *1. Li tagħraf tislet minn dawn il-provi korroborazzjoni li tista' tikkonforta xi waħda miż-żewġ verżjonijiet bħala li tkun aktar kredibbli u attendibbli minn oħra; u*

*2. Fin-nuqqas, li tiġi applikata l-massima "actore non probante reus absolvitur"…*

Tal-istess portata kienet id-deċiżjoni mogħtija mill-Prim'Awla nhar it-30 ta' Ottubru, 2003 fl-ismijiet ***Bugeja vs Meilak*** fejn ingħad li:

*Jinsab ravvisat fid-deċiżjoni fl-ismijiet "Farrugia vs Farrugia", deċiża minn din il-Qorti fl-24 ta' Novembru, 1966, li – "il-konflitt fil-provi huwa ħaġa li l-Qrati jridu minn dejjem ikunu lesti għaliha. Il-Qorti għandha tezamina jekk xi waħda miż-żewġ versjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilità u speċjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, għandhiex teskludi lill-oħra, anke fuq il-bilanċ tal-probabilitajiet, u tal-preponderanza tal-provi, għax dawn, f'kawżi ċivili, huma ġeneralment suffiċjenti għall-konvinċiment tal-ġudikant.*

Minn din il-ġurisprudenza jiġi mislut il-prinċipju li għal dak li hu apprezzament tal-provi, fil-kamp ċivili l-kriterju m'huwiex jekk il-ġudikant huwiex assolutament jemmen lil parti aktar minn oħra, imma jekk verżjoni waħda hijiex, fiċ-ċirkostanzi żvarjati tal-ħajja, aktar verosimili minn oħra. Dan a differenza ta' dak li japplika fil-kamp kriminali fejn il-ħtija trid tirriżulta mingħajr ma tħalli dubju raġjonevoli.

Kif kompla jingħad fl-imsemmija deċiżjoni ta' ***Farrugia vs Farrugia***: *mhux kwalunkwe tip ta' konflitt għandu jħalli lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessità li minħabba fih ma tkunx tista' tiddeċiedi b'kuxjenza kwieta u jkollha taqa' fuq ir-regola ta' in dubio pro reo.*[101]

[101] ara wkoll – "Ciantar vs Curmi noe" – PA/PS – deċiża fit-28 ta' April 2003 u "Kmandant tal-Forzi Armati ta' Malta vs Difesa" – PA/PS – deċiża fit-28 ta' Mejju 2003.

Tkompli, l-imsemmija deċiżjoni ta' ***Farrugia vs Farrugia***:

> *Meta ġudikant jiġi biex iqis il-kumpless tal-provi li jitressqu għall-konsiderazzjoni tiegħu sabiex fuq dawk il-provi jagħti deċiżjoni, il-kriterju rilevanti mhuwiex jekk il-ġudikant assolutament jemminx dak li jkun ġie spjegat lilu, iżda jekk dawk l-ispjegazzjonijiet humiex verosimili fiċ-ċirkostanzi svarjati tal-hajja ("Borg vs Bartolo" – Appell Inferjuri – 25 ta' Ġunju 1980). Hekk meqjusa dawk il-provi, il-grad rikjest fil-kamp ċivili huwa dak li biżżejjed li jkun inissel ċertezza morali fil-moħħ tal-ġudikant li tkun indotta minn preponderanza ta' provi fuq bilanċ ta' probabilitajiet ("Caruana vs Laurenti" – Prim'Awla tal-Qorti Civili – 8 ta' April 1994; "Borg vs Manager ta' lIntrapriża tal-Ħalib" – Prim'Awla tal-Qorti Ċivili – 17 ta' Lulju 1981; "Vassallo vs Pace" – Vol.LXX.II.144 u "Zammit vs Petrococchino" – Appell Kummerċjali – 25 ta' Frar 1952).* ***Meta mbagħad tkun q[i]egħda tintalab ir-rexxissjoni ta' att pubbliku, kif qiegħed isir fil-każ tallum, il-massima tad-dritt probatorju li min jallega jrid jipprova, teħtieġ li tiġi osservata fir-rigorosita' tagħha****. ("Tabone vs Tabone" – Qorti talAppell – 9 ta' Jannar 2009)*
>
> [enfażi miżjuda]

Fil-każ in eżami, għalkemm il-verżjoni tal-attur oriġinali Giuseppe Mizzi hija konfliġġenti għal dik mogħtija min-Nutar Pierre Falzon u t-Tabib Dr. Anton Mifsud, li huma l-partijiet l-oħra l-aktar importanti fil-kwistjoni kollha, din il-Qorti hija moralment konvinta li dik il-verżjoni l-aktar versomili hija tan-Nutar Falzon u t-Tabib Dr Mifsud li jikkorroboraw lil xulxin. B'dan li din il-Qorti ma tistax tinsa xorti oħra li kellha f'din il-kawża, u ċjoè, il-fatt li ġie maħtur espert kalligrafu waqt li kien

għadu ħaj l-attur oriġinali Giuseppe Mizzi b'dan laħaq ħa kampjuni tal-firem tiegħu li kkumbaċċja ma' dawk li jirriżultaw fuq l-att in mertu.

L-espert kalligrafu ma ġie la eskuss u anqas b'xi mod kontradett jew sfidat fil-konklużjonijiet tiegħu. B'dan li din il-Qorti m'għandha ebda raġuni tiddipartixxi mil-konklużjonijiet milħuqa minnu li jservu wkoll sabiex jissostanzjaw il-konvinzjoni morali ta' din il-Qorti li l-verżjoni l-aktar versosimili hija dik tan-Nutar Falzon u t-Tabib Dr Mifsud b'dan li hija sodisfatta li l-attur oriġinali Giuseppe Mizzi poġġa idu stess fuq l-att in mertu quddiem l-istess żewġ individwi.

**Rigward il-kawża** tal-att in mertu, stante li fl-ewwel talba attriċi jintqal li *l-att huwa nieqes mill-elementi essenzjali ta' kull kuntratt u cioe' l-kunsens u l-kawża,*[102] jiġi ritenut li kif sewwa osservat fin-nota tal-osservazzjonijiet tal-atturi Nancy, Sina u Jacob Mizzi li f'isimhom ġie finalment trasfuż il-ġudizzju wara mewt Giuseppe Mizzi u Michael Mizzi, kuntratt jista' jkun mingħajr kawża, b'kawża falza, jew b'kawża illeċita.

Madankollu fil-każ in eżami, ma jirrizultax li l-kawża tal-att attakkat hija b'xi mod impossibbli, falza, jew illeċita.

Fin-nota tal-osservazzjonijeit tagħhom, l-atturi jikkontendu li tant il-prezz kuntrattat għall-immobbli trasferiti bl-att in mertu huwa rriżorju li l-kawża hija affetta.

Din il-Qorti ma taqbilx u taqsam mal-ħsieb tal-konvenuti illi l-att *de quo* huwa att ta' *pacta sund servanda* fejn sid kellu dritt

[102] Rikors ġuramentat a fol. 1 sa 3, bl-ewwel talba tirriżulta a fol. 2.

jiddisponi mill-assi tiegħu kull kif xtaq u għal kwalunkwe prezz ritenut ġust minnu.

B'dan f'moħħha, u tenut kont tal-fatt li fuq l-att attakkatt tħallset it-taxxa u ma rriżultax li kien hemm xi kwistjoni rigward il-valur dikjarat kif ukoll tal-fatt li l-atturi naqqsu milli jressqu xi prova li tista xxejjen il-preżunzjoni ta' ħsieb liberu milħuq rigward il-prezz tat-trasferiment, din il-Qorti hija moralment konvinta li m'hemm ebda raġuni għalfejn l-att in mertu jinstab nieqes mill-element essenzjali tal-kawża.

**Decide:**

Għaldaqstant, in vista tal-premess u għar-raġunijiet kollha ġa espressi, din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi filwaqt li tiddisponi mill-eċċezzjonijiet tal-konvenut u tal-kjamata in kawża, tiċħad it-talbiet atturi.

Bl-ispejjeż ta' din il-kawża a karigu tal-atturi.

(ft) Dr Brigitte Sultana
Maġistrat

(ft) John Vella
D/Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur